struck off from the Registrar of Companies in the acts of the judicial letter number 2442/2025 in the names Commissioner for Tax and Customs vs Deputy Curators and in the other relative and subsequent acts.

By means of a judicial letter filed in the First Hall of the Civil Courts on the 23rd May, 2025, by The Commissioner for Tax and Customs of Block 5, Triq Vincenzo Dimech, Floriana against deputy curators nominated to represent the absentees Paulo Manuel Marques Lourenco (passport number H028761), Isabel Maria Pimentel Abrantes Serra (Passport Number H178669) and Antonio Miguel Sengo Pombo (passport number L699565) in their own name and as directors for and on behalf of the company Ball Navigation Limited (C47371) presently struck off from the Registrar of Companies, the Commissioner for Tax and Customs calls upon you in terms of Article 59 of Act XXIII of 1998 so that within two (2) days from the service of this act, you pay the amount of €213,634.11 representing amount due by you pro et noe as value added tax according to the same Act .

With costs and interest according to Cap. 406 of the Laws of Malta till the date of effective payment.

This calling is being made for all intents and purposes of law, particularly, but not exclusively, in order to render executable the executive title which the same Commissioner for Tax and Customs has against you by means of a notice sent to you.

In default, the interpellants informs you that they shall pass to execute the said executive title they have against you pro et noe by means of the opportune warrants.

So much so that you may know how to regulate yourselves and to proceed.

Interpellant: Commissioner for Tax and Customs, Block 5, Triq Vincenzo Dimech, Floriana

Notification: Deputy curators

You are therefore ordered to affix an official copy of these banns at the entrance of this Superior Court and to summon whosoever wishes to act as curator to appear before this registry within six days and by means of a minute to submit a declaration that he wishes so to act.

You are also ordered to inform each one that if he fails to make this declaration within the stipulated time, the Court will proceed to the selection of curators of office.

And after so acting, or if you should encounter any difficulty in the execution of these banns, you are to inform forthwith this Court.

Mogħti mill-Qorti Superjuri hawn fuq imsemmija bix-xhieda tal-Onor. Imħallef Francesco Depasquale, LLD, Duttur tal-Liġi.

Illum 27 ta' Mejju, 2025

Reġistru tal-Qrati Superjuri, illum 18 ta' Lulju, 2025

ALEXANDRA DEBATTISTA
Għar-Reġistratur, Qrati u Tribunali

Given by the Civil Court First Hall, above mentioned, with the witness of the Hon. Mr Justice Francesco Depasquale, LLD, Doctor of Laws.

Today 27th May, 2025

Registry of the Superior Courts, today 18th July, 2025

ALEXANDRA DEBATTISTA
For the Registrar, Civil Courts and Tribunals

1866

Bandu għall-Kuraturi

Repubblika ta' Malta

Lill-Marixxall tal-Qrati

B'digriet mogħti minn din il-Qorti fis-27 ta' Mejju, 2025, fuq talba tal-Kummissarju tat-Taxxa u d-Dwana ġie ordnat biex jintgħażlu kuraturi deputati biex jirrappreżentaw lill-assenti Giuseppe Napolitano f'isimu personali kif ukoll bħala direttur għan-nom u inrappreżentanza tas-soċjetà Oikos Food Ltd preżentement imħassra mir-Reġistru tal-Kumpaniji fl-atti tal-ittra uffiċjali numru 2457/2025 fl-ismijiet Kummissarju tat-Taxxa u d-Dwana vs Kuraturi Deputati u fl-atti l-oħra relattivi u sussegwenti.

Permezz ta' ittra uffiċjali ppreżentata fil-Prim'Awla tal-Qorti fis-26 ta' Mejju, 2025, tal-Kummissarju tat-Taxxa u d-Dwana ta' Blokk 5, Triq Vincenzo Dimech, Il-Furjana, kontra kuraturi deputati sabiex jirrappreżentaw lill-assenti Giuseppe Napolitano (passaport numru AA2142376) f'ismu personali kif ukoll bħala direttur għan-nom u inrappreżentanza tas-soċjetà Oikos Food Ltd (C73154) preżentement imħassra mir-Reġistru tal-Kumpaniji fejn permezz tal-preżenti l-Kummissarju tat-Taxxa u d-Dwana jinterpellakom ai termini tal-Artiklu 59 tal-Att XXIII tal-1998, sabiex fi żmien jumejn (2) min-notifika ta' dan l-att, tħallsu l-ammont ta' €229,975.17 rappreżentanti l-ammont minnkom dovut pro et noe bħala Taxxa fuq il-Valur Miżjud skont l-istess Att.

Bl-ispejjeż u bl-imgħax skont dak l-att sad-data tal-pagament effettiv.

Din l-interpellanza qed issir għall-finijiet u effetti kollha tal-liġi, u partikolarment, iżda mhux esklussivament sabiex tirrendi eżegwibbli t-titolu eżekuttiv li l-istess Kummissarju tat-Taxxa u d-Dwana għandu kontra tagħkom permezz tal-avviż li ntbagħat lilkom.

Fin-nuqqas, il-mittenti javżakom li se jgħaddi sabiex jesegwixxi l-imsemmi titolu eżekuttiv li hu għandu kontra tagħkom pro et noe permezz tal-mandati opportuni.

Banns for Curators

Republic of Malta

To the Marshall of the Court

By means of a decree given by this Court on the 26th May, 2025, following a request by Commissioner for Tax and Customs it was ordered that deputy curators be chosen to represent the absentee Giuseppe Napolitano in his own name and as director for and on behalf of the company Oikos Food Ltd presently struck off from the Registrar of Companies in the acts of the judicial letter number 2457/2025 in the names Commissioner for Tax and Customs vs Deputy Curators and in the other relative and subsequent acts.

By means of a judicial letter filed in the First Hall of the Civil Courts on the 26th May, 2025, by The Commissioner for Tax and Customs of Block 5, Triq Vincenzo Dimech, Floriana, against deputy curators nominated to represent the absentee Giuseppe Napolitano (passport number AA2142376) in his own name and as director for and on behalf of the company Oikos Food Ltd (C73154) presently struck off from the Registrar of Companies, the Commissioner for Tax and Customs calls upon you in terms of Article 59 of Act XXIII of 1998 so that within two (2) days from the service of this act, you pay the amount of €229,975.17 representing amount due by you pro et noe as value added tax according to the same Act.

With costs and interest according to that Act till the date of effective payment.

This calling is being made for all intents and purposes of law, particularly, but not exclusively, in order to render executable the executive title which the same Commissioner for Tax and Customs has against you by means of a notice sent to you.

In default, the interpellants informs you that they shall pass to execute the said executive title they have against you pro et noe by means of the opportune warrants.

Tant sabiex tirregolaw ruħkom u tagħrfu timxu.

Rikorrenti: Kummissarju tat-Taxxa u d-Dwana, Blokk 5, Triq Vincenzo Dimech, Il-Furjana

Intimati: Kuraturi deputati

Int għaldaqstant ordnat li twaħħal kopja uffiċjali ta' dan il-bandu fid-daħla ta' din il-Qorti Superjuri u ssejjaħ b'dan lil kull min irid jidħol bħala kuratur biex jidher fi żmien sitt ijiem f'dan ir-Reġistru u jagħmel b'nota d-dikjarazzjoni illi huwa jidħol għal dan.

Int ordnat ukoll li tgħarraf lil kull wieħed illi jekk ma jagħmilx din id-dikjarazzjoni fiż-żmien fuq mogħti, din il-Qorti tgħaddi biex tagħżel kuraturi tal-uffiċċju.

U wara li tkun għamilt dan, jew jekk tiltaqa' ma' xi xkiel fl-esekuzzjoni ta' dan il-bandu, inti għandek tgħarraf minnufih lil din il-Qorti.

Mogħti mill-Qorti Superjuri hawn fuq imsemmija bix-xhieda tal-Onor. Imħallef Francesco Depasquale, LLD, Duttur tal-Liġi.

Illum 27 ta' Mejju, 2025

Reġistru tal-Qrati Superjuri, illum 18 ta' Lulju, 2025

ALEXANDRA DEBATTISTA
Għar-Reġistratur, Qrati u Tribunali

So much so that you may know how to regulate yourselves and to proceed.

Interpellant: Commissioner for Tax and Customs, Block 5, Triq Vincenzo Dimech, Floriana

Notification: Deputy curators

You are therefore ordered to affix an official copy of these banns at the entrance of this Superior Court and to summon whosoever wishes to act as curator to appear before this registry within six days and by means of a minute to submit a declaration that he wishes so to act.

You are also ordered to inform each one that if he fails to make this declaration within the stipulated time, the Court will proceed to the selection of curators of office.

And after so acting, or if you should encounter any difficulty in the execution of these banns, you are to inform forthwith this Court.

Given by the Civil Court First Hall, above mentioned, with the witness of the Hon. Mr Justice Francesco Depasquale, LLD, Doctor of Laws.

Today 27th May, 2025

Registry of the Superior Courts, today 18th July, 2025

ALEXANDRA DEBATTISTA
For the Registrar, Civil Courts and Tribunals

1867

Bandu għall-Kuraturi

Repubblika ta' Malta

Lill-Marixxall tal-Qrati

B'digriet mogħti minn din il-Qorti fl-4 ta' April, 2024, fuq talba ta' Ta' Dernis Properties Limited ġie ordnat biex jintgħażlu kuraturi deputati sabiex iħarsu l-interessi tal-eredi mhux magħrufa ta' Giovanni Fenech; Giuseppe Tommasso, Costantina, GioBatta, Michele, Salvatore, Pietro, Marianna mart Bartolomeo Micallef ilkoll aħwa Gauci u Caterina mart Giovanni Borg u Elena wlied Francesco Catania, fl-atti taċ-ċedola numru 687/2024 fl-ismijiet Ta' Dernis Properties Limited vs Kuraturi Deputati u fl-atti l-oħra relattivi u sussegewenti.

Permezz ta' ċedola ta' depożitu u kontestwali fidi ta' ċens numru 687/2024 fl-ismijiet Ta' Dernis Properties Limited (C45644) vs Kuraturi Deputati sabiex jirrappreżentaw l-interessi tal-eredi mhux magħrufa ta' Calcedonio Ciantar,

Banns for Curators

Republic of Malta

To the Marshall of the Court

By means of a decree given by this Court on the 4th April, 2024, following a request by Ta' Dernis Properties Limited vs Deputy Curators to represent Giovanni Fenech; Giuseppe Tommasso, Costantina, GioBatta, Michele, Salvatore, Pietro, Marianna wife of Bartolomeo Micallef all brothers and sisters Gauci and Caterina wife of Giovanni Borg and Elena children of Francesco Catania in the records of the schedule of deposit number 687/2024 in the names Ta' Dernis Properties Limited vs Deputy Curators and in the other relative and subsequent acts.

By means of a schedule of deposit and redemption of groundrent, number 687/2024 in the names of Ta' Dernis Properties Limited (C45644) vs Deputy Curators to represent the interest of the unknown heirs of Calcedonio

kummerċjant, iben Salvatore u l-mejta Speranza Mallia, imwieled is-Siġġiewi u kien residenti l-Ħamrun, u kuraturi deputati sabiex jirrappreżentaw l-interessi tal-eredi mhux magħrufa ta':

i) Giovanni Fenech, iben l-mejjet Paolo, imwieled Ħal Lija,

ii) Giuseppe, Tommasso, Costantina, GioBatta, Michele, Salvatore, Pietro, Marianna mart Bartolomeo Micallef, ahwa Gauci, ulied Emmanuele, imwieldin u kienu residenti Birkirkara, u

iii) Caterina, mart Giovanni Borg u Elena, ulied Francesco Catania, imwieldin u kienu residenti Birkirkara, ippreżentata fil-Prim'Awla tal-Qorti fis-26 ta' Marzu, 2024, fejn Ta' Dernis Properties Limited (C45644) esponiet bir-rispett:

Illi l-esponenti hija proprjetàrja tal-fond konsistenti f'dar bla numru u ġġib l-isem ta' 'Villa Carmel', bl-arja u s-sottoswol liberi tagħha, inklużi l-ġnien u l-garaxx annessi magħha, kif wkoll s-sottoswol tal-istess ġnien, kollox fi Triq in-Naxxar, kantuniera ma' Triq Franġisk Xerri, f'Birkirkara, xi drabi indikati wkoll li jinsabu f'Ħal Balzan, konfinanti kollox flimkien, mil-Lbiċ inparti mal-imsemmija Triq in-Naxxar u inparti ma' blokk bini magħruf bħala 'London Flats', proprjetà tas-suċċessuri fit-titolu ta' Carmel Grech, mil-Lvant ma' Triq Franġisk Xerri u mit-Tramuntana ma' beni tal-familja Licari jew tas-suċċessuri fit-titolu tagħhom, jew irjiħat iktar korretti, kif aħjar jinsab muri fuq l-annessa site plan mmarkata Dok. B;

Illi l-esponenti kienet akkwistat din il-proprjetà b'kuntratt redatt in atti tan-Nutar Dott. Robert John Muscat u datat tlieta (3) ta' Lulju tas-sena elfejn u tmintax (2018), anness u mmarkat Dok. A;

Illi kif anke indikat fl-istess kuntratt surriferit, il-proprjetà hija suġġetta għas-sehem tagħha ta' ċens u subċens annwu u perpetwu, parti minn ċens u subċens akbar ta' mija u erba' ewro u tnejn u tmenin ċenteżmu tal-ewro (€104.82), gravanti l-art kollha li kienet mogħtija b'enfitewsi u sussegwentament b'subenfitewsi, u li parti minnha hija okkupata mill-proprjetà surriferita;

Illi minn ricerka ulterjuri fil-provenjenza tal-istess, irrizulta li l-imsemmija ċens oriġinali u subċens (zieda) kienu kostitwiti fuq l-art kollha fuq imsemmija li fiha kejl superfiċjali ta' tomna, erba kejliet u seba sigħan (1T.4s.7k), ossija elfejn u erbgħa metri kwadri punt sebgħa tmienja (2004.78mk), u stante li l-proprjetà tal-esponenti fiha kejl ta' ċirka elf mija u sitta u tletin metru kwadru (1136mk) mill-kejl totali mogħti b'enfitewsi u subenfitewsi, jsegwi għalhekk

Ciantar, businessman, son of Salvatore and the late Speranza Mallia, born in Siġġiewi and residing in Ħamrun, and deputy curators to represent the interest of the unknown heirs:

i) Giovanni Fenech, son of the late Paolo, born in Ħal Lija,

ii) Giuseppe, Tommasso, Costantina, GioBatta, Michele, Salvatore, Pietro, Marianna wife of Bartolomeo Micallef, brothers and sisters Gauci, children of Emmanuele, born and resided in Birkirkara, and

iii) Caterina, wife of Giovanni Borg and Elena, children of Catania, born and resided in Birkirkara, filed in the First Hall of the Civil Court on the 26th March, 2024, the applicant Ta' Dernis Properties Limited (C45644) respectfully submitted:

That the applicant is the owner of the premises consisting in an unnumbered house and bears the name 'Villa Carmel', with its free airspace and subsoil, including the garden and garage annexed thereto, as well as the subsoil of the same garden, all in Triq in-Naxxar, corner with Triq Franġisk Xerri, in Birkirkara, sometimes also indicated as situated in Ħal Balzan, bordering everything together, from the southwest in part with the said Triq in-Naxxar and in part with a block of buildings known as 'London Flats', property of the successors in the title of Carmel Grech, from the east with Triq Frangisk Xerri and from the north with property of the Licari family or of the successors in their title, or more correct bounderies, as better shown on the attached siteplan marked Doc. B;

That the applicant acquired this property by means of a contract drawn up in the records of Notary Dr Robert John Muscat and dated third (3) of July of the year two thousand and eighteen (2018), attached and marked Doc. A;

That as also indicated in the same contract above mentioned, the property is subject to its share of annual and perpetual groundrent and sub-groundrent, part of a larger groundrent and sub-groundrent of one hundred and four euro and eighty two euro cents (€104.82), burdening all the land which was given by emphyteusis and subsequently by sub-emphyteusis, and part of which is occupied by the property above mentioned;

That from further research in the provenance of the same, it resulted that the said original groundrent and sub-groundrent (increase) were constituted on all the land above mentioned which contains a superficial measurement of Tumolo, four kejliet and seven siegħan (1T.4s.7k), that is two thousand and four point seven eight square metres (2004.78 Ms), and since the property of the applicant has a measurement of about one thousand one hundred and thirty

li l-proprjetà tal-esponenti hija gravanti ċens u subċens ta' disgħa u ħamsin ewro u erbgħin ċenteżmu tal-ewro (€59.40), li huwa dovut lill-intimati fis-segwenti ammonti, ossija:

six square metres (1136 Ms). the total measurement given by emphyteusis and sub-emphyteusis, thus follows that the property of the applicant is burdening groundrent and sub-groundrent of fifty nine euro and forty euro cents (€59.40), which is due to the respondents in the following amounts, that is:

i. Ħamsin ewro u tnejn u tmenin ċenteżmu tal-ewro (€50.82) rappreżentanti subċens (żieda) annwu u perpetwu, dovut lill-eredi mhux magħrufa ta' Calcedonio Ciantar, kummerċjant, iben Salvatore u l-mejta Speranza Mallia, imwieled is-Siġġiewi u kien residenti l-Ħamrun, u dan ai termini tal-kuntratt ta' subenfitewsi in atti tan-Nutar Emmanuel Agius datat 17 ta' Mejju, 1952,

i. Fifty euro and eighty two euro cents (€50.82) representing annual and perpetual sub-groundrent (increase), due to the unknown heirs of Calcedonio Ciantar, businessman, son of Salvatore and the late Speranza Mallia, born in Siġġiewi and resided in Ħamrun, and this in terms of the contract of sub-emphyteusis in the records of Notary Emmanuel Agius dated 17th May, 1952,

ii. Tmien ewro u tmienja u ħamsin ċenteżmu tal-ewro (€8.58) rappreżentanti ċens oriġinali annwu u perpetwu, dovut lill-eredi mhux magħrufa tad-direttarji oriġinali, ossija: Giovanni Fenech, iben il-mejjet Paolo, imwieled Ħal Lija, ii) Giuseppe, Tommasso, Costantina, GioBatta, Michele, Salvatore, Pietro, Marianna mart Bartolomeo Micallef, ilkoll ahwa Gauci, ulied Emmaniele, imweldin u kienu residenti Birkirkara, u iii) Caterina, mart Giovanni Borg u Elena, ulied Francesco Catania, imweldin u kienu residenti Birkirkara, u dan ai termini tal-kuntrattt ta' enfitewsi oriġinali datat 9 ta' Frar, 1937, in atti tan-Nutar, Eduardo Calleja Schembri;

ii. Eight euro and fifty eight euro cents (€8.58) representing annual and perpetual original groundrent, due to the unknown heirs of the original direct owners, that is: Giovanni Fenech, son of the late Paolo, born in Ħal Lija, ii) Giuseppe, Tommasso, Costantina, Giobatta, Michele, Salvatore, Pietro, Marianna wife of Bartolomeo Micallef, all Gauci, children of Emmaniele, born and residing in Birkirkara, and iii) Caterina, wife of Giovanni Borg and Elena, children of Francesco Catania, born and residing in Birkirkara, and this in terms of the original emphyteusis contract dated 9th February, 1937, in the records of Notary, Eduardo Calleja Schembri;

Illi l-esponenti tixtieq tipprevalixxi ruħha mill-fakultà lilha mogħtija bl-artikolu 1501 tal-Kap. 16 tal-Liġijiet ta' Malta u tifdi l-istess ċens oriġinali u subċens ai termini tal-liġi;

That the applicant wishes to avail herself of the faculty given to her by Article 1501 of Cap. 16 of the Laws of Malta and redeem the same original and subċens in terms of law;

Illi ai termini tas-subkonċessjoni enfitewtika surriferita, in atti tan-Nutar Emanuel Agius 17 ta' Mejju, 1952, is-subċens (żieda) kostitwit affavur is-subdirettarju Calcedonio Ciantar għandu jinfeda bir-rata ta' kapitalizzazjoni ta' tlieta fil-mija (3%), filwaqt li ċ-ċens oriġinali kostitwit in atti tan-Nutar Eduardo Calleja Schembru fid-9 ta' Frar, 1937, għandu jinfed skont il-liġi bir-rata ta' kapitalizzazjoni ta' hamsa fil-mija (5%);

That in terms of the emphyteutical sub-concession above referred to, in the records of Notary Emanuel Agius 17th May, 1952, the sub-groundrent (increase) constituted in favour of the sub-direct owner Calcedonio Ciantar is to be redeemed at the capitalization rate of three per cent (3%), whilst the original groundrent constituted in the records of Notary Eduardo Calleja Schembru on the 9th February, 1937, shall be supported according to law at a capitalization rate of five per cent (5%);

Illi l-ammont ta' ħamsin ewro u tnejn u tmenin ċenteżmu tal-ewro (€50.82) rappreżentanti subċens annwu u perpetwu, kapitalizzat bir-rata ta' tlieta fil-mija (3%) jammonta għas-somma ta' elf, sitt mija u erba u disgħin ewro (€1,694);

That the amount of fifty euro and eighty two euro cents (€50.82) representing annual and perpetual sub-groundrent capitalised at the rate of three per cent (3%) amounts to the sum of one thousand, six hundred and ninety four euro (€1,694);

Illi l-ammont ta' tmien ewro u tmienja u ħamsin ċenteżmu tal-ewro (€8.58) kapitalizzat bir-rata ta' ħamsa fil-mija (5%) jammonta għas-somma ta' mija, wieħed u sebgħin ewro u sittin ċenteżmu tal-ewro (€171.60);

That the amount of eight euro and fifty eight euro cents (€8.58) capitalised at the rate of five percent (5%) amounts to the sum of one hundred seventy one euro and sixty euro cents (€171.60);

Illi l-esponenti għandhom wkoll iħallsu l-ammont ta' mitejn u sebgħa u disgħin ewro (€297) rappreżentanti ħames

That the applicants are also to pay the amount of two hundred and ninety seven euro (€297) representing five

(5) snin arretrati taċ-ċens u subċens annwu u perpetwu, gravanti l-proprjetà fuq deskritta, u dovuti:

i) mitejn u erbgħa u ħamsin ewro u għaxar ċenteżmi tal-ewro (€254.10) lil eredi mhux magħrufa tas-subdirettarju Calcedonio Ciantar, kummerċjant, iben Salvatore u l-mejta Speranza Mallia, imwieled is-Siġġiewi u kien residenti l-Ħamrun,

ii) tnejn u erbgħin ewro u disgħin ċenteżmu tal-ewro (€42.90) lil eredi mhux magħrufa tad-direttarji Giovanni Fenech, iben il-mejjet Paolo, imwieled Ħal Lija; Giuseppe, Tommasso, Costantina, GioBatta, Michele, Salvatore, Pietro, Marianna mart Martolomeo Micallef, ilkoll aħwa Gauci, ulied Emmaniele, imweldin u kienu residenti Birkirkara, u

iii) Caterina, mart Giovanni Borg u Elena, ulied Francesco Catania, imweldin u kienu residenti Birkirkara;

Illi inoltre u għal kull bon fini, sejra tiġi ddepożitata s-somma ta' disgħa u ħamsin ewro u erbgħin ċenteżmu tal-ewro (€59.40) rappreżentati u ekwivalenti għal-lawdemju dovut ai termini tal-istess konċessjonijet surriferiti, dovuta lill-intimati fl-istess rati taċ-ċens rispettivi kif fuq indikat.

Għaldaqstant, l-esponenti qiegħda umilment tadixxi lil din l-Onorabbli Qorti u taħt l-awtorità tal-istess tgħaddi sabiex tiddepożita s-somma totali ta' elfejn mitejn u tnejn u għoxrin ewro (€2,222) rappreżentanti prezz ta' fidi ta' dan iċ-ċens annwu u perpetwu, lawdemju dovut u arretrati relattivi, dovuti u pagabbli fl-ammonti segwenti, ossija:

i) elf, disa mija u tmienja u disgħin ewro u tnejn u disgħin ċenteżmu tal-ewro (€1998.92) lill-eredi mhux magħrufa tas-subdirettarju Calcedonio Ciantar, kummerċjant, iben Salvatore u l-mejta Speranza Mallia, imwieled is-Siġġiewi u kien residenti l-Ħamrun, u

ii) mitejn, tlieta u għoxrin ewro u tmien ċenteżmi tal-ewro (€223.08) lill-eredi mhux magħrufa ta' Giovanni Fenech, iben il-mejjet Paolo, imwieled Ħal Lija; Giuseppe, Tommasso, Costantina, GioBatta, Michele, Salvatore, Pietro, Marianna mart Martolomeo Micallef, ilkoll aħwa Gauci, ulied Emmanuele, imwieldin u kienu residenti Birkirkara, u

iii) Caterina, mart Giovanni Borg u Elena, ulied Francesco Catania, imweldin u kienu residenti Birkirkara,

sabiex tingħata liberalment l-intimati wara li tiġi rilaxxata d-debita rcevuta skont il-liġi u liema somma għandha tiġi rilaxxata fl-ammonti fuq indikati.

Rikorrenti: Ta' Dernis Properties Limited, 80, Triq il-Ħabbież, Ħal Qormi

(5) years arrears of annual and perpetual groundrent and subgroundrent, burdening the property above described, and due:

i) two hundred and fifty four euro and ten euro cents (€254.10) to unknown heirs of the sub-direct owner Calcedonio Ciantar, trader, son of Salvatore and the late Speranza Mallia, born in Siġġiewi and resided in Ħamrun,

ii) forty two euro and nine euro cents (€42.90) to unknown heirs of the direct owners Giovanni Fenech, son of the late Paolo, born in Ħal Lija; Giuseppe, Tommasso, Costantina, Giobatta, Michele, Salvatore, Pietro, Marianna wife of Martolomeo Micallef, all of whom were Gauci, children of Emmanuele, born and resided in Birkirkara, and

iii) Caterina, wife of Giovanni Borg and Elena, children of Francesco Catania, born and resided in Birkirkara;

That furthermore and for all intents and purposes, the sum of fifty nine euro and forty euro cents (€59.40) represented and equivalent to the laudemium due in terms of the same considerations above referred to, due to the respondents at the same rates of the respective groundrent as above indicated, shall be deposited.

Thus, the applicant is humbly calling upon this Honourable Court and under its authority to deposit the total sum of two thousand two hundred and twenty two euro (€2,222) representing the price of redemption of this annual and perpetual groundrent, laudemium due and relative arrears, due and payable in the following amounts, that is:

i) one thousand, nine hundred and ninety-eight euro and ninety-two euro cents (€1998.92) to the unknown heirs of the sub-direct owner Calcedonio Ciantar, trader, son of Salvatore and the late Speranza Mallia, born in Siġġiewi and resided in Ħamrun, and

ii) two hundred and twenty three euro and eight euro cents (€223.08) to the unknown heirs of Giovanni Fenech, son of the late Paolo, born in Ħal Lija; Giuseppe, Tommasso, Costantina, Giobatta, Michele, Salvatore, Pietro, Marianna wife of Martolomeo Micallef, all Gauci, children of Emmaniele, born and residing in Birkirkara, and

iii) Caterina, wife of Giovanni Borg and Elena, children of Francesco Catania, born and residing in Birkirkara,

in order to be freely given to the respondents after the due receipt according to law is released and which sum is to be released in the amounts above indicated.

Applicant: Ta' Dernis Properties Limited, 80, Triq il-Ħabbież, Ħal Qormi

Notifika: Direttur tar-Reġistru Pubbliku,126, Triq l-Arċisqof, Il-Belt Valletta

Kuraturi deputati

Int għaldaqstant ordnat li twaħħal kopja uffiċjali ta' dan il-bandu fid-daħla ta' din il-Qorti Superjuri u ssejjaħ b'dan lil kull min irid jidħol bħala kuratur biex jidher fi żmien sitt ijiem f'dan ir-Reġistru u jagħmel b'nota d-dikjarazzjoni illi huwa jidħol għal dan.

Int ordnat ukoll li tgħarraf lil kull wieħed illi jekk ma jagħmilx din id-dikjarazzjoni fiż-żmien fuq mogħti, din il-Qorti tgħaddi biex tagħżel kuraturi tal-uffiċċju.

U wara li tkun għamilt dan, jew jekk tiltaqa' ma' xi xkiel fl-esekuzzjoni ta' dan il-bandu, inti għandek tgħarraf minnufih lil din il-Qorti.

Mogħti mill-Qorti Superjuri hawn fuq imsemmija bix-xhieda tal-Onor. Imħallef Mark Simiana, LLD, Duttur tal-Liġi.

Illum 4 ta' April, 2024

Reġistru tal-Qrati Superjuri, illum 18 ta' Lulju, 2025

ALEXANDRA DEBATTISTA
Għar-Reġistratur, Qrati u Tribunali

Notification: Director Public Registry, 126, Triq l-Arċisqof, Valletta

Deputy curators

You are therefore ordered to affix an official copy of these banns at the entrance of this Superior Court and to summon whosoever wishes to act as curator to appear before this registry within six days and by means of a minute to submit a declaration that he wishes so to act.

You are also ordered to inform each one that if he fails to make this declaration within the stipulated time, the Court will proceed to the selection of curators of office.

And after so acting, or if you should encounter any difficulty in the execution of these banns, you are to inform forthwith this Court.

Given by the Civil Court First Hall, above mentioned, with the witness of the Hon. Mr Justice Mark Simiana, LLD, Doctor of Laws.

Today 4th April, 2024

Registry of the Superior Courts, today 18th July, 2025

ALEXANDRA DEBATTISTA
For the Registrar, Civil Courts and Tribunals

1868

Ikun jaf kulħadd illi permezz ta' digriet mogħti fi 16 ta' Lulju, 2025, mogħti mill-Bord li Jirregola l-Kera (Għawdex), fl-atti rikors numru 4/2025(SG) fl-ismijiet 'Aaron Caruana versus Tony Chet Perez proprio et nomine' ppreżentat fir-Reġistru tal-imsemmi Bord fl-11 ta' Lulju, 2025, ġiet ordnata l-pubblikazzjoni tal-estratt hawn taħt riprodott u dan sabiex iservi ta' notifika fil-konfront tal-intimata Tony Chet Perez (karta tal-identità numru 0456466A) proprio et nomine, ta' Flat 6, San Gabriel, Block A, Triq Ġdida fi Triq l-Għejun, Ix-Xagħra, Għawdex – u dan ai termini tal-artiklu 187(3) tal-Kap. 12 tal-Liġijiet ta' Malta.

Fil-Bord li Jirregola l-Kera (Gżejjer ta' Għawdex u Kemmuna)

Rikors numru: 4/2025(S.G.)

Aaron Caruana (KI 306585m) ta' 9, Serenity, Misraħ San Ġorġ Preca, Birżebbuġa, Malta, u detentur tal-karta tal-identità numru 306585M

vs

Tony Chet Perez (KI Maltija bin-numru 0456466a u dik tal-esteru AX 1223922) ta' Flat 6 San Gabriel, Block A, Triq Ġdida fi Triq j-Għejun, Ix-Xagħra, Gozo, u dan kemm

It is hereby notified that by virtue of a decree issued on the 8th July, 2025, given by the Rent Regulation Board (Gozo), in application number 4/2025(SG) in names 'Aaron Caruana versus Tony Chet Perez proprio et nomine' filed in the Registry of the said Board on the 4th July, 2025, the publication of the extract reproduced below was ordered and this in order to serve as notification with regard the respondent Tony Chet Perez proprio et nomine of Flat 6, San Gabriel, Block A, Triq Ġdida fi Triq L-Għejun, Xagħra, Gozo – and this in terms of article 187(3) of Cap. 12 of the Laws of Malta.

In the Rent Regulation Board (for the Islands of Gozo and Comino)

Application number: 4/2025 (S.G.)

Aaron Caruana (ID 306585m) of 9, Serenity, Mirsraħ San Ġorġ Preca, Birżebbuġa, Malta, and holder of identity card number 306585M

vs

Tony Chet Perez (Maltese ID No 0456466a and that of the foreign ID No. AX 1223922) of Flat 6 San Gabriel, Block A Triq Ġdida fi Triq l-Għejun, Xagħra, Gozo, and this both in

f'isimha propju u anke għan-nom u inrappreżentanza tal-minuri [omissis] (KI tal-esteru numru [omissis]), u [omissis] (KI tal-esteru numru [omissis]) ilkoll Ta' Flat 6, San Gabriel, Block A, Triq Ġdida fi Triq l-Għejun, Ix-Xagħra, Għawdex

Rikors Ġuramentat ta' Aaron Caruana (KI 306585m) ta' 9, Serenity, Misraħ San Ġorġ Preca, Birżebbuġa, Malta

Jesponi bir-rispett u bil-ġurament tiegħu jikkonferma:

1. Illi l-esponenti kien kera l-appartament (bħala long private residential lease) u ċoè l-Flat numru 6, San Gabriel, Block A, Triq Ġdida fi Triq l-Għejun, Ix-Xagħra, Għawdex, dan flimkien mal-garaxx. Liema kuntratt tal-kera huwa datat it-28 ta' Settembru, 2024, u debitament reġistrat mal-Awtorità tad-Djar. Illi dan l-appartament inkera lill Tony Chet Perez u lil ulieda ([omissis] u [omissis]) – u ċoè l-intimati. Kopja tal-kuntratt tal-kera qiegħed jiġi hawn anness u mmarkat bħala Dok. 'A';

2. Illi apparti l-kuntratt fuq imsemmi kien sar kuntratt ieħor mal-intimata, liema kuntratt kien ġie itterminat, u dwar l-istess kuntratt għad hemm il-pendenzi u l-arretrati dovuti;

3. Illi sal-preżentata ta' din il-kawża (wara li tnaqqas u ttieħed inkonsiderazzjoni d-depożitu mħallas), l-ammont dovut mill-istess inkwilina/intimata jammonta għat-total ta' €5,296.83. Minn liema ammont, €4,340 rappreżentati l-arretrati tal-kera, u €956.83 rappreżentanti l-arretrati fuq il-kontijiet tad-dawl u ilma skont l-aħħar kont. Illi għal kull bon fini kopja tal-aħħar kont qiegħda tiġi hawn annessa u mmarkata bħala Dok. 'B';

4. Illi r-rikorrenti ġja interpella lill-intimati b'dan kif ukoll kien talab il-ħlas u fin-nuqqas, huwa kien se jkun kostrett li jipproċedi biex jitlob li tiġi tterminata l-kirja de quo, u dan bl-applikazzjoni tal-Artikolu 1570 Tal-Kap. 16 tal-Liġijiet ta' Malta;

5. Illi barra minn hekk ir-rikorrenti jiddikjara li safejn jaf hu l-intimati ma għandhomx difiża x'jagħtu kontra t-talba tar-rikorrenti u, għaldaqstant, jeżistu wkoll ir-rekwiżiti meħtieġa skont l-Artikolu 16A et sequitur tal-Kap. 69 tal-Liġijiet ta' Malta – u/jew kull liġi oħra applikabbli – sabiex dan il-Bord jiddeċiedi t-talba mingħajr ma jgħaddi għas-smigħ tal-kawża;

6. Illi b'hekk ir-rikorrenti ma kien għad baqagħlu ebda għażla oħra ħlief li jipproċedi permezz ta' din il-kawża biex jiżgombra lill-intimati mill-propjetà fuq imsemmi;

7. Illi l-esponenti li qiegħed jikkonferma dan ir-rikors bil-ġurament jiddikjara li huwa jaf b'dawn il-fatti personalment u dan kollu jinsab ikkonfermat permezz tad-dikjarazzjoni ġuramentata hawn annessa flimkien ma' dan ir-rikors 'C';

her own name and also in the name and in representation of her minor children [omissis] (foreign ID number [omissis]), and [omissis] (foreign ID number [omissis]) all residing at Flat 6, San Gabriel, Block A, Triq Ġdida fi Triq l-Għejun, Xagħra, Gozo

Sworn application of Aaron Caruana (ID 306585m) of 9, Serenity, Mirsraħ San Ġorġ Preca, Birżebbuġa, Malta

Declares with respect and under oath confirms:

1. That the applicant had leased the apartment (as long private residential lease) and namely Flat number 6, San Gabriel, Block A, Triq Ġdida fi Triq l-Għejun, Xagħra, Gozo, this together with the garage. Which lease agreement is dated 28th September, 2024, and duly registered with the Housing Authority. That this apartment leased to Tony Chet Perez and the children ([omissis] and [omissis]) – and namely the defendants. A copy of the lease agreement is here attached and marked as Doc. 'A';

2. That apart from the agreement above mentioned another contract had been made with the defendant, which contract had been terminated, and regarding the same contract there are still the pendencies and arrears due;

3. That till the filing of this case (after deducting and taking into consideration the deposit paid), the amount due by the same tenant/defendant amounts to the total of €5,296.83. Of which amount, €4,340 representing the arrears of rent, and €956.83 representing the arrears on the water and electricity bills according to the last bill. That for all intents and purposes a copy of the last bill is here attached and marked as Doc. 'B';

4. That the applicant has already called upon the defendants with this as well as demanded payment and in default, he would have no other option other than to proceed to ask that the lease de quo be terminated, and this in application of Article 1570 of Cap. 16 of the Laws of Malta;

5. That furthermore the applicant declares that as far as he knows the defendants have no defence to give against the applicant's demand and thus, there exist also the necessary requisites according to Article 16A et sequitur of Cap. 69 of the Laws of Malta – and/or any other applicable law – for this Board to decide the request without proceeding to trial;

6. That thus the applicant had no other choice but to proceed by means of this cause to evict the defendants from the property above mentioned;

7. That the applicant confirming this application on oath declares that he knows of these facts personally and all this is confirmed by means of the sworn declaration hereby attached together with this application 'C';

Għaldaqstant, għar-raġunijiet premessi, ir-rikorrenti qiegħdin jitlob lill dan il-Bord sabiex, prevja kull dikjarazzjoni xierqa u opportuna:

1. Jilqa' t-talba u jgħaddi għad-deċiżjoni permezz tal-proċedura sommarja speċjali ai termini tal-Artikolu 16A tal-Kap. 69 tal-Liġijiet ta' Malta – u kull liġi oħra applikabbli – stante illi l-intimat ma għandux difiża x'jagħti kontra t-talba;

2. Jiddikjara li (wara li tnaqqas id-depożitu li kien ġie mħallas) l-intimati huma moruži fil-ħlas tal-kera dovuta skont il-ftehim datat 28 ta' Settembru, 2024, u anke l-kuntratt preċedenti fl-ammont ta' €4,340.00, dan flimkien mal-ammont ta' €956.83 rappreżentanti l-arretrati fuq il-kontijiet tad-dawl u ilma li skont l-aħħar kont. B'hekk komplessivament l-ammont dovut jammonta għal €5,296.83, salv kull ammont ulterjuri sad-data tat-terminazzjoni ta' din il-kirja;

3. Jawtorizza lir-rikorrenti sabiex tittermina l-istess kirja u jirriprendi l-pussess tal-Flat numru 6, San Gabriel, Block A, Triq Ġdida fi Triq l-Għejjun, Ix-Xagħra, Għawdex, dan flimkien mal-garaxx mikri lill-intimati;

4. Jordna l-iżgumbrament tal-intimat mill-fond de quo u dan entro terminu qasir u perentorju;

5. Tikkundanna lill-intimati sabiex iħallsu l-ammont ta'€5,296.83 (kif supra elenkat) salv kwalunkwe kera u ħlasijiet tal-kont tad-dawl u l-ilma, sussegwenti dovuti lir-rikorrenti;

Bl-ispejjeż, inkluż dawk tal-ittra uffiċjali numru 230/2025 u bl-imgħax legali sad-data tal-effettiv pagament kontra l-intimat li min issa jinsab inġunt insubizzjoni.

Bir-riserva ta' kull dritt ta' azzjoni ulterjuri spettanti lill-esponenti.

L-Av. Jonathan Mintoff

Dan ir-rikors huwa appuntat għas-smigħ għall-31 ta' Lulju, 2025, fis 1.30 p. m. fl-edifizzju tal-Qorti ta' Għawdex, Misraħ il-Katidral, Ir-Rabat, Għawdex.

Illum 18 ta' Lulju, 2025

Reġistru tal-Qorti u Tribunali (Għawdex)

JAKE MEJLAK
Deputat Reġistratur, għar-Reġistratur

Thus, for the reasons premised, the applicant is asking this Board so that, subject to any appropriate and opportune declaration:

1. Uphold the request and proceed to the decision by means of the special summary procedure in terms of Article 16A of Cap. 69 of the Laws of Malta – and any other applicable law – since the defendant has no defence to give against the demand;

2. Declare that (after deducting the deposit which had been paid) the defendants are in delay in the payment of the rent due according to the agreement dated 28th September, 2024, and also the previous contract in the amount of €4,340.00, this together with the amount of €956.83 representing the arrears on the water and electricity bills this according to the last bill. Thus overall the amount due amounts to €5,296.83, saving any further amount till the date of termination of this lease;

3. Authorise the plaintiff to terminate the same lease and take back possession of Flat number 6, San Gabriel, Block A, Triq Ġdida fi Triq l-Għejun, Xagħra, Gozo, this together with the garage leased to the defendants;

4. Order the eviction of the defendant from the premises de quo and this within a short and peremptory period;

5. Condemn the defendants to pay the amount of €5,296.83 (as above outlined) saving any rent and payments of the electricity and water bill, due to the applicants;

With costs, including those of the Judicial letter number 230/2025 and legal interest till the date of effective payment against the defendant, that from now the defendant is being subpoenaed so that a reference to their oath can be made.

Saving any right of further action due to the applicants.

Adv. Jonathan Mintoff

This application is scheduled for hearing for the 31st July, 2025, at 1.30 p.m. in the Gozo Court building, Misraħ il-Katidral, Victoria, Gozo.

Today, the 18th of July, 2025

Registry of the Gozo Courts and Tribunal

JAKE MEJLAK
Deputy Registrar, for the Registrar

1869

B'digriet mogħti mill-Qorti Ċivili, Prim'Awla, fis-17 ta' Lulju, 2025, fuq rikors ta' Dott. Edward Debono noe ġie

By decree given by the Civil Court, First Hall on the 17th July, 2025, on the application of Dr Edward Debono

ffissat il-jum tal-Ħamis, 4 ta' Diċembru, 2025, fl-għaxra u nofs ta' filgħodu (10.30 a.m.) għall-bejgħ bl-irkant, li għandu jsir f'Kamra numru 78, biswit l-Arkivju, Livell -1, Qrati tal-Ġustizzja, Triq ir-Repubblika, Il-Belt Valletta, tal-fond hawn taħt deskritt:

a) Għar ta' kejl ta' ċirka disgħa u għoxrin metru kwadru punt erbgħa wieħed (29.41m²), aċċessibbli minn mogħdija komuni li tagħti għal fuq Triq San Ġakbu u li tmiss mill-Punent mil-Lbiċ mas-surreferita mogħdija komuni, mill-Majjistral ma' proprjetà hawn deskritta – indikat bħala proprjetà A fir-rapport tal-perit u fir-ritratti annessi, eżenti minn kwalunkwe ċens jew piż piju;

b) Porzjoni ta' art agrikola li preżentament qiegħda tiġi maħduma minn John Gauci, magħrufa bħala 'Tal-Lariġ', ta' kejl ta' ċirka seba' mija, erbgħa u sebgħin metru kwadu punt tnejn tmienja (774.28m²), aċċessibbli minn grada prinċipali li tinsab fi Triq San Ġakbu, li tmiss min-Nofsinhar u f'partijiet minnha mill-Punent ma' beni ta' Carmelo Scicluna jew l-aventi kawża tiegħu, f'partijet minnha mill-Punent ta' mogħdija, u mil-Lvant ma' proprjetà hawn deskritta – indikata bħala proprjetà B. Din l-art, flimkien ma' artijiet oħra, tgawdi minn ġwiebi u nixxigħat tal-ilma u hija eżenti minn piżijiet piju kif ukoll miċ-ċens li għalih hija suġġetta l-imsemmija proprjetà u tinsab f'Outside Development Zone, libera u franka, bid-drittijiet u l-pertinenzi kollha tagħha;

c) Porzjoni ta' art agrikola kif suġġetta għad-dritt ta' mogħdija u ta' akkwedotti, li preżentament qiegħda tiġi maħduma minn John Gauci, b'ċirka ta' disa' mija tmienja u ħamsin metru kwadru punt disgħa disgħa (958.99m²) flimkien ma' ġiebja b'tul ta' ċirka disa' metri punt tmienja sebgħa (9.87m), aċċessibbli minn grada prinċipali li tinsab fi Triq ta' San Ġakbu, li tmiss mill-Punent ma' beni ta' Carmelo Scicluna jew l-aventi kawża tiegħu, mil-Lvant ma' mogħdija, u mit-Tramuntana ma' proprjetà hawn deskritta – indikata bħala proprjetà C. Din l-art, flimkien ma' artijiet oħra, tgawdi minn ġwiebi u nixxigħat tal-ilma u hija eżenti minn piżijiet piju kif ukoll miċ-ċens li għalih hija suġġetta l-imsemmija proprjetà u tinsab f'Outside Development Zone, libera u franka, bid-drittijiet u l-pertinenzi kollha tagħha;

d) Porzjon ta' art agrikola li preżentament qiegħda tiġi maħduma minn John Gauci, magħrufa bħala 'Iż-Żebbuġ ta' Fuq', b'kejl ta' art ta' ċirka seba' mija sebgħa u sittin metru kwadru punt tlieta tlieta (767.33m²), aċċessibbli minn grada prinċipali li tinsab fi Triq Ta' San Ġakbu, li tmiss mil-Lvant ma' Triq San Ġakbu, min-Nofsinhar ma' proprjetà hawn deskritta u mill-Punent ma' beni tal-familja Bugeja, kultant deskritta wkoll bħala li tmiss mill-Punent ma' sies – indikata bħala proprjetà D. Din l-art, flimkien ma' artijiet oħra, tgawdi minn ġwiebi u nixxigħat tal-ilma u hija eżenti minn piżijiet piju kif ukoll miċ-ċens li għalih hija suġġetta l-imsemmija

noe, Thursday, 4th December, 2025, at half past ten in the morning (10:30am), has been fixed for the Sale by Auction, to be held in Room Numbered 78, nearby the Courts Archives, Level -1, Courts of Justice, Triq ir-Repubblika, Valletta, of the following property:

a) Cave measuring approximately twenty-nine-point forty-one square meters (29.41m²), accessible from a common pathway leading in Triq San Ġakbu and bounded to the west-southwest by the common pathway, to the northwest by property herein described – indicated as property A in the architect report and the attached photos, exempt from any ground rents and any other burdens;

b) Portion of agriculture land, currently being worked by John Gauci, known as 'Tal-Lariġ', measuring approximately seven hundred and seventy four point twenty eight square meters (774.28m²), accessible from a main gate situated in Triq San Ġakbu, bounded on the south and in part also on the west by property of Carmelo Scicluna or his successors in title, in part on the west with a common path, and on the east by property herein described – indicated as property B. This land along with other lands, enjoys reservoirs and water springs and it is exempt from any burdens as well as ground rents which the said property is subject to and is situated in Outside Development Zone, free and unencumbered, with all its rights and appurtenances;

c) Portion of agriculture land as subjected to a right of pathway and of water canals, which currently is being worked by John Gauci, measuring approximately nine hundred and fifty-eight point ninety nine metres square (958.99m²), together with a water reservoir approximately length of nine point eighty seven metre (9.87m) accessible from a main gate situated in Triq San Ġakbu, bounded on the west by property of Carmelo Scicluna or his successors in title, east by a common path, north by property herein described and indicated as property C. This land along with other land, enjoys water reservoirs and water springs and it is exempt from any burdens as well as ground rents which the said property is subject to and is situated in Outside Development Zone, free and unencumbered, with all its rights and appurtenances;

d) Portion of agriculture land which currently is being worked by John Gauci, known as 'Iż-Żebbuġ ta' Fuq', measuring approximately seven hundred and sixty seven point thirty-three square meters (767.33m²), accessible from a main gate situated in Triq San Ġakbu, bounded by the east with Triq San Ġakbu, south by property herein described and west by property of family Bugeja, at times also referred to as bounded by west by a sies and indicated as property D. This land along with other land, enjoys water reservoirs and water springs and is exempt from any burdens as well as ground rents which the said property is subject to

proprjetà u tinsab f'Outside Development Zone, libera u franka, bid-drittijiet u l-pertinenzi kollha tagħha;

e) Porzjoni ta' art agrikola kif suġġetta għad-dritt tal-mogħdija u s-sieqja tal-ilma li preżentament qiegħda tiġi maħduma minn John Gauci, magħrufa bħala 'Ir-Roqa t'Isfel', ta' kejl ta' ċirka disa' mija, tlieta u sittin metru kwadu punt zero tnejn (963.02m²), aċċessibbli minn grada prinċipali li tinsab fi Triq San Ġakbu, u li tmiss mit-Tramuntana ma' beni tal-Baruni Salvatore Testaferrata Moroni Viani jew l-aventi kawża tiegħu, min-Nofsinhar ma' beni ta' Carmelo Scicluna jew l-aventi kawża tiegħu, u mill-Punent ma' proprjetà hawn deskritta – indikata bħala proprjetà E. Din l-art, flimkien ma' artijiet oħra, tgawdi minn ġwiebi u nixxigħat tal-ilma u hija eżenti minn piżijiet piju kif ukoll miċ-ċens li għalih hija suġġetta l-imsemmija proprjetà u tinsab f'Outside Development Zone, libera u franka, bid-drittijiet u l-pertinenzi kollha tagħha;

f) Għar fil-viċinanzi li qiegħed jintuża bħala maħżen, li parti minnu huma sottostanti beni ta' Carmelo Scicluna jew l-aventi kawża tiegħu, b'kejl ta' ċirka erbgħa u għoxrin metru kwadru punt sebgħa sitta (24.76m²) aċċessibbli minn grada prinċipali li tinsab fi Triq ta' San Ġakbu, li jmiss mat-Tramuntana ma' mogħdija komuni, u mill-irjieħ l-oħra kollha ma' beni ta' Carmelo Scicluna jew l-aventi kawża tiegħu – indikata bħala proprjetà F, eżenti minn piżijiet piju kif ukoll miċ-ċens li għalih hija suġġetta l-imsemmija proprjetà u tinsab f'Outside Development Zone, libera u franka, bid-drittijiet u l-pertinenzi kollha tagħha;

g) Porzjoni ta' art li preżentament qiegħda tiġi użata bħala terrazzin, magħrufa bħala 'Il-Mandra' fl-istess viċinanzi u dintorni, ikkonsolidata ma' kmamar H, O, P, U u Z sabiex jiffurmaw proprjetà waħda. Aċċessibbli minn grada prinċipali li tinsab fi Triq ta' San Ġakbu, u li tmiss min-Nofsinhar ma' mogħdija, mill-Punent ma' proprjetà hawn deskritta u mil-Lvant ma' proprjetà tal-aventi kawża ta' Carmelo Scicluna – indikata bħala proprjetà G b'kejl superfiċjali tal-art ta' ċirka tmintax-il metru kwadru punt sebgħa tlieta ħamsa (18.735m²) eżenti minn piżijiet piju kif ukoll miċ-ċens li għalih hija suġġetta l-imsemmija proprjetà u tinsab f'Outside Development Zone, libera u franka, bid-drittijiet u l-pertinenzi kollha tagħha;

h) Kamra fl-istess viċinanzi u dintorni ikkonsolidata ma' kmamar G, O, P, U u Z sabiex jiffurmaw proprjetà waħda aċċessibbli minn grada prinċipali li tinsab fi Triq ta' San Ġakbu u tmiss mit-Tramuntana ma' beni ta' Giuseppe Muscat jew l-aventi kawża tiegħu, min-Nofsinhar ma' mogħdija, u mill-Punent ma' proprjetà hawn deskritta – indikata bħala proprjetà H, eżenti minn kwalunkwe ċens jew piż piju li jista' jiggrava l-imsemmija proprjetà, u tinsab f'Outside Development Zone, libera u franka, bid-drittijiet u l-pertinenzi kollha tagħha;

and is situated in an Outside Development Zone, free and unencumbered, with all its rights and appurtenances;

e) Portion of agriculture land is subjected to right of common pathway and water canal which currently is being worked by John Gauci, known as 'Ir-Roqa t'Isfel', measuring approximately nine hundred sixty three point zero two metres square (963.02m²), accessible from a main gate situated in Triq San Ġakbu, bounded on the north by property of Baron Salvatore Testaferrata Moroni Viani or his successors in title, south by property of Carmelo Scicluna or his successors in title and west by property herein described and marked as property E. This land along with other land, enjoys water reservoirs and water springs and is exempt any burdens as well as ground rents which the said property is subject to and is situated in an Outside Development Zone, free and unencumbered, with all its rights and appurtenances;

f) Cave in the vicinities being used as a storage, part of which is underlying property of Carmelo Scicluna or his successors in title, approximately measuring twenty four point seventy six metres square (24.76m²) accessible from a main gate situated in Triq ta' San Ġakbu, bounded on the north by a common path, and the other compass points by property of Carmelo Scicluna or his successors in title – marked as property F, and is exempt from any burdens as well as ground rents which the said property is subject to and is situated in an Outside Development Zone, free and unencumbered, with all its rights and appurtenances;

g) Portion of land currently is being used as a terrace, known as 'Il-Mandra' in the same vicinities and surroundings, consolidated with rooms H, O, P, U and Z to form one property. Accessible from the main gate situated in Triq San Ġakbu, bounded on the south by common path, west by property herein described and east by property of the heir of Carmelo Scicluna – marked as property G with land measuring superficially approximately eighteen point seven three five metre square (18.735m²) exempt from burdens as well as ground rents which the said property is subject to and is situated in an Outside Development Zone, free and unencumbered, with all its rights and appurtenances;

h) Room in the same vicinities and surroundings adjoined by rooms G, O, P, U and Z to form one property accessible from the main gate situated in Triq ta' San Ġakbu and bounded on the north by property of Giuseppe Muscat or his successors in title, south by a common pathway, and west by property herein described - indicated as property H, exempt from any burdens as well as ground rents that may burden the property situated in an Outside Development Zone, free and unencumbered, with all its rights and appurtenances;

i) Porzjoni ta' art agrikola li preżentament qiegħda tiġi maħduma minn John Gauci, magħrufa bħala 'Ir-Roqa t'Isfel' sive 'Il-Maħsel', ta' kejl ta' ċirka elfejn sitt mija tnejn u tmenin metru kwadru punt wieħed tmienja (2682.18m²), aċċessibbli minn grada prinċipali li tinsab fi Triq ta' San Ġakbu, li tmiss mit-Tramuntana ma' proprjetà tal-Baruni Salvatore Testaferrata Moroni Viani jew l-aventi kawża tiegħu, mil-Lvant ma' proprjetà tas-surreferita familja Bugeja u li kultant tiġi deskritta wkoll bħala li tmiss ma' sies, u mill-Punent ma' beni ta' Carmelo Scicluna jew l-aventi kawża tiegħu – indikata bħala proprjetà I. L-art, hija suġġetta għad-dritt ta' mogħdija u ta' akkwedotti, u flimkien ma' artijiet oħra, tgawdi minn ġwiebi u nixxigħat tal-ilma u hija eżenti minn piżijiet piju kif ukoll miċ-ċens li għalih hija suġġetta l-imsemmija proprjetà u tinsab f'Outside Development Zone;

i) Portion of agricultural land which currently is being worked by John Gauci, known as 'Ir-Roqa t'Isfel' sive 'Il-Maħsel', approximately measuring two thousand six hundred eighty eight point eighteen square meters (2682.18m²), accessible from the main gate situated in Triq San Ġakbu bounded on the north by property of Baron Salvatore Testaferrata Moroni Viani or his successors in title, east by property of family Bugeja and at times referred to bounded by a sies, and west by property of Carmelo Scicluna or his successors in title – indicated as property I. The land is subject of passageway and water canals with other lands, enjoys water reservoirs and water springs and is exempt from any burdens as well as ground rents which the said property is subject to and is situated in an Outside Development Zone;

j) Kmamar kontigwi u adjaċenti waħda mal-oħra li preżentament qegħdin jintużaw bħala mħażen, li għandhom l-entraturi tagħhom iħarsu lejn in-Nofsinhar, flimkien mal-art magħhom annessa u formanti parti integrali mill-istess, sitwata fuq in-naħa ta' wara ta' dawn l-imsemmija kmamar, ta' kejl ta' ċirka ħmistax-il metru kwadru punt tlieta sebgħa (15.37m²), aċċessibbli minn grada prinċipali li tinsab fi Triq San Ġakbu, li jmissu mill-Punent ma' kamra proprjetà ta' Pawlina Muscat, min-Nofsinhar ma' mogħdija u mil-Lvant mal-proprjetà deskritta hawn fuq indikati bħala proprjetà J, u huma eżenti minn piżijiet piju kif ukoll miċ-ċens li għalih hija suġġetta l-imsemmija proprjetà u tinsab f'Outside Development Zone;

j) Rooms contiguous and adjacent to one another currently used as store, having their entrance facing south, together with the other land annexed and forming integral part of the same, situated on the back of the said rooms, approximately measuring fifteen point thirty seven square meters (15.37m²), accessible from the main gate situated in Triq San Ġakbu, bounded on the west by a room property of Pawlina Muscat, south by passageway and east by property -herein described indicated as property J, and is exempt from burdens as well as ground rents which the said property is subject to and is situated in an Outside Development Zone;

k) Porzjoni ta' art agrikola li preżentament qiegħda tiġi maħduma minn John Gauci, magħrufa bħala 'Il-Lariną il-Qares' kif ukoll żewġ għerien u spiera li jinsabu fuq l-istess art, ta' kejl tal-art ta' ċirka elf erba' mija ħamsa u għoxrin metru kwadru punt tnejn tmienja (1425.28m²), u l-kejl tal-għerien huwa ta' ċirka għoxrin metru kwadru punt sebgħa wieħed (20.71m²), aċċessibbli minn grada prinċipali li tinsab fi Triq San Ġakbu, liema art tmiss mill-Majjistral ma' proprjetà fl-istess territorju, min-Nofsinhar ma' beni tal-Gvern ta' Malta u mil-Lvant ma' beni ta' Carmelo Scicluna jew is-suċċessuri tiegħu – indikati bħala proprjetà K. Din l-art hija eżenti miċ-ċens jew minn piżijiet piju li jistgħu jiggravaw l-imsemmija proprjetà u tinsab f'Outside Development Zone;

k) Portion of agriculture land currently is being worked by John Gauci, known as 'Il-Lariną il-Qares' together with two caves a naturally water spring situated on the said land, measuring approximately one thousand four hundred twenty five point twenty eight (1425,28m²) square meters, and the caves measuring approximately twenty point seventy one meter squares (20.71m²) accessible from the main gate in Triq San Ġakbu, which land is bounded on the north by property in the same territory, south by property of the Government of Malta and east by property of Carmelo Scicluna or his successors in title – indicated as property K. This land is exempt from burdens as well as ground rents which the said property is subject to and is situated in an Outside Development Zone;

l) Porzjoni ta' art agrikola li preżentament qiegħda tiġi maħduma minn John Gauci magħrufa bħala 'Il-Lariną il-Ħelu' ta' kejl ta' ċirka mitejn sitta u ħamsin metru kwadru punt tnejn disgħa (256.29m²), aċċessibbli minn grada prinċipali li tinsab fi Triq San Ġakbu, li tmiss mill-irjiħat kollha mal-proprjetà hawn deskritta – indikata bħala proprjetà L u hija eżenti miċ-ċens u jew minn piżijiet piju li jistgħu jiggravaw l-imsemmija proprjetà u tinsab f'Outside Development Zone;

l) Portion of agriculture land currently being worked by John Gauci known as 'Il-Lariną il-Ħelu' approximately measures two hundred and fifty six point two nine (256.29m²) square meters, accessibly from the main gate situated in Triq San Ġakbu, bounded with all compass point by property described above – indicated as property L and it is exempt for any ground rent and or any burdens which the said property is subject to and is situated in an Outside Development Zone;

m) Porzjoni ta' art agrikola li preżentament qiegħda tiġi maħduma minn John Gauci magħrufa bħala 'Il-Maħsel' magħrufa wkoll bħala 'Il-Mansab' li tinsab fuq din l-imsemmija porzjon ta' art, ta' kejl ta' ċirka ħames mija disgħa u għoxrin metru kwadru punt erbgħa disgħa (529.49m²), aċċessibbli minn grada prinċipali li tinsab fi Triq San Ġakbu. Din il-porzjoni ta' art tmiss mil-Lbiċ u mil-Lvant ma' proprjetà hawn deskritta u min-Nofsinhar ma' beni ta' Carmelo Scicluna jew l-aventi kawża tiegħu – indikata bħala proprjetà M u hija eżenti miċ-ċens u jew minn piżijiet piju li jistgħu jiggravaw l-imsemmija proprjetà u tinsab f'Outside Development Zone;

m) Portion of agricultural land currently being worked by John Gauci known as 'Il-Maħsel' also known as 'Il-Mansab' on this said portion of land, approximately measures five hundred twenty nine point four nine (529.49m²) square meters, accessible from the main gate situated in Triq San Ġakbu. This portion of land bounded on the south east and west by property herein described and south by property of Carmelo Scicluna or his successors in title – indicated as property M and it is exempt for any ground rent and or any burdens which the said property is subject to and is situated in an Outside Development Zone;

n) Porzjoni ta' art agrikola li preżentament qiegħda tiġi maħduma minn John Gauci magħrufa bħala 'Ir-Roqa t'Isfel' ta' kejl ta' ċirka tmien mija, disgħa u disgħin metru kwadru punt disgħa (899.9m²), aċċessibbli minn grada prinċipali li tinsab fi Triq San Ġakbu, li tmiss mill-Majjistral ma' beni tal-Baruni Testaferrata Moroni Viani jew l-aventi kawża tiegħu u mil-Lbiċ u mill-Grigal ma' proprjetà hawn deskritta – indikata bħala proprjetà N u hija eżenti miċ-ċens u jew minn piżijiet piju li jistgħu jiggravaw l-imsemmija proprjetà u tinsab f'Outside Development Zone;

n) Portion of agricultural land currently being worked by John Gauci known as 'Ir-Roqa t'Isfel' approximately measures eight hundred, ninety nine point nine (899.9m²) square meters, accessible from the main gate situated in Triq San Ġakbu, bounded on the north by property of Noble Testaferrata Moroni Viani or his successors in title and south west and north east by property herein described – indicated as property N and it is exempt for any ground rent and or any burdens which the said property is subject to and is situated in an Outside Development Zone;

o) Kamra li preżentament hija kkonsolidata ma' kmamar G, H, P, U u Z sabiex jiffurmaw proprjetà waħda, b'kejl ta' ċirka tletin metru kwadru (30 m²) aċċessibbli minn mogħdija komuni magħrufa bħala t-Triq tal-Karrettun tal-Komun aċċessibbli minn grada prinċipali li tinsab fi Triq ta' San Ġakbu u li tmiss mill-Majjistral u mix-Xlokk ma' proprjetà hawn deskritta u mil-Lbiċ mal-mogħdija surreferita – indikata bħala proprjetà O u hija eżenti miċ-ċens u jew minn piżijiet piju li jistgħu jiggravaw l-imsemmija proprjetà u tinsab f'Outside Development Zone;

o) Room currently adjacent with rooms G, H, P, U and Z to form one property, approximately measures thirty square meters (30 m²) accessibly from a common pathway known as Triq tal-Karrettun tal-Komun accessible from the main gate situated in Triq ta' San Ġakbu and bounded from the north and southeast by property herein described – indicated as property O and it is exempt for any ground rent and or any burdens which the said property is subject to and is situated in an Outside Development Zone;

P) Kamra b'porzjoni ta' art adjaċenti magħha li preżentament huma kkonsolidati ma' kmamar G, H, O, U, u Z sabiex jiffurmaw proprjetà waħda, aċċessibbli minn mogħdija privata, ta' kejl ta' ċirka tnejn u għoxrin metru kwadru (22m²), aċċessibbli minn grada prinċipali li tinsab fi Triq ta' San Ġakbu, u li tmiss mill-Majjistral u mix-Xlokk ma' proprjetà hawn deskrittva u mil-Lbiċ mal-imsemmija mogħdija – indikata bħala proprjetà P, u hija eżenti miċ-ċens u jew minn piżijiet piju li jistgħu jiggravaw l-imsemmija proprjetà u tinsab f'Outside Development Zone;

P) Room with adjacent portion of land currently adjoining with rooms G, H, O, U and Z together form one property, accessible from private pathway approximately measures twenty two (22m²) square meters, accessible from the main gate situated in Triq ta' San Ġakbu, bounded on the north and southeast by property herein described – indicated as property P and it is exempt for any ground rent and or any burdens which the said property is subject to and is situated in an Outside Development Zone;

q) Porzjoni ta' art magħrufa bħala 'Ta' Larinġa' li tikkonsisti f'pixxina mdawra bid-decking li ma nstab l-ebda permess li jkopriha, ġibjetta kif ukoll f'art agrikola li preżentament qiegħda tiġi maħduma minn John Gauci kif ukoll mogħdija komuni, ta' kejl ta' ċirka elf tnejn u sebgħin metru kwadru punt sitta tlieta (1072.63m²), aċċessibbli minn grada prinċipali li tinsab fi Triq ta' San Ġakbu, u li tmiss mill-Majjistral ma' beni hawn deskritta, mil-Lbiċ f'partijiet ma' beni ta' Carmelo Scicluna jew l-aventi kawża tiegħu u f'partijiet ma' proprjetà hawn deskritta, u mill-Grigal ma' mogħdija – indikata bħala

q) Portion of land known as 'Ta' Larinġa' consisting in a swimming surrounded by decking without permit, water cestern as well as agricultural land currently being worked by John Gauci as well as common pathway measures approximately one thousand seven two point six three square meters (1072.63m²), accessible from the main gate situated in Triq ta' San Ġakbu, bounded on the north by property herein described, southwest by property of Carmelo Scicluna or his successors in title and other compass points by property herein described and northeast by pathway –

proprjetà Q. L-art, flimkien ma' artijiet oħra, tgawdi minn ġwiebi u nixxigħat tal-ilma u hija eżenti minn kwalunkwe ċens jew piż piju li jista' jiggravaw l-imsemmija proprjetà u tinsab f'Outside Development Zone;

r) Porzjoni ta' art agrikola li preżentament qiegħda tiġi maħduma minn John Gauci magħrufa bħala 'Iż-Żebbuġ ta' Fuq' li fiha hemm preżenti ġiebja u kamra tal-pompa, ta' kejl ta' ċirka elf mitejn sebgħa u tletin metru kwadru punt tmienja disgħa (1237.89m²), aċċessibbli minn grada prinċipali li tinsab fi Triq San Ġakbu, li tmiss mit-Tramuntana' ma' Triq San Ġakbu, mill-Majjistral ma' proprjetà hawn deskritta u min-Nofsinhar ma' proprjetà oħra hawn deskritta – indikata bħala proprjetà R. L-art, flimkien ma' artijiet oħra, hija suġġetta għad-dritt ta' passaġġ a favur ta' terzi persuni u tgawdi minn ġwiebi u nixxigħat tal-ilma u hija eżenti minn kwalunkwe ċens jew piż piju li jista' jiggrava l-imsemmija proprjetà u tinsab f'Outside Development Zone;

s) Porzjoni ta' art agrikola li preżentament qiegħda tiġi maħduma minn John Gauci magħrufa bħala 'Tal-Mansab', ta' kejl ta' ċirka mija sitta u ħamsin metru kwadru punt ħamsa erbgħa (156.54m²), aċċessibbli minn grada prinċipali li tinsab fi Triq San Ġakbu, li tmiss mill-Grigal u mill-Majjistral ma' proprjetà hawn deskritta u min-Nofsinhar ma' beni ta' Carmelo Scicluna jew l-aventi kawża tiegħu – indikata bħala proprjetà S, L-art, flimkien ma' artijiet oħra, tgawdi minn ġwiebi u nixxigħat tal-ilma u hija eżenti minn kwalunkwe ċens jew piż piju u tinsab f'Outside Development Zone;

t) Porzjoni ta' art agrikola li preżentament qiegħda tiġi maħduma minn John Gauci, magħrufa bħala 'Ir-Roqa l-Ħażina' magħrufa wkoll bħala 'Ir-Roqa t'Isfel' ta' kejl ta' ċirka tmien mija u disgħin metru kwadru punt ħamsa tlieta (890.53m²), aċċessibbli minn grada prinċipali li tinsab fi Triq San Ġakbu, li tmiss mill-Grigal ma' proprjetà hawn deskritta, mill-Majjistral ma' beni ta' Baruni Testaferrata jew is-suċċessuri tiegħu u mil-Lbiċ ma' proprjetà hawn deskritta – indikata bħala proprjetà T. L-art, flimkien ma' artijiet oħra, tgawdi minn ġwiebi u nixxigħat tal-ilma u hija eżenti minn minn kwalunkwe ċens jew piż piju li jista' jiggrava l-imsemmija proprjetà u tinsab f'Outside Development Zone;

u) Kamra rurali aċċessibbli minn mogħdija komuni li preżentament hija kkonsolidata ma' kmamar G, H, O, P, u Z sabiex jiffurmaw proprjetà waħda, ta' kejl ta' ċirka ħmistax-il metru kwadru punt ħamsa (15.5m²) , aċċessibbli minn grada prinċipali li tinsab fi Triq San Ġakbu u li tmiss mil-Lbiċ mas-surreferita mogħdija komuni, mill-Majjistral u mix-Xlokk ta' proprjetà hawn deskritta – indikata bħala proprjetà U, eżenti minn kwalunkwe ċens jew piż piju li jista' jiggrava l-imsemmija proprjetà u li tinsab f'Outside Development Zone;

v) Porzjoni ta' art agrikola li preżentament qiegħda tiġi maħduma minn John Gauci, b'kejl ta' ċirka mitejn tlieta u

indicated as property Q. The land together with other land enjoys reservoirs and water springs and it is exempt from any burdens as well as ground rents which the said property is subject to and is situated in Outside Development Zone;

r) Portion of agricultural land currently being worked by John Gauci known as 'Iż-Żebbuġ ta' Fuq' together water cestern and room pump measures approximately of one thousand two hundred and thirty seven point eight nine (1237.89m²) square meters, accessible from the main gate situated in Triq San Ġakbu, bounded on the north by the said Triq San Ġakbu, northwest by property herein described and south by another property herein described – indicated as property R. The land together with other lands is subject for the right of passage in favour of third parties and enjoys reservoirs and water springs and it is exempt for any ground rent and or any burdens which the said property is subject to and is situated in an Outside Development Zone;

s) Portion of agricultural land currently being worked by John Gauci known as 'Tal-Mansab' measures approximately of one hundred and fifty five pont five four (156.54m²) square meters, accessible from the main gate situated in Triq San Ġakbu, bounded on the east and northwest by property herein described and south by property of Carmelo Scicluna or his successors in title – indicated as property S. The land together with other lands and enjoys reservoirs and water springs and it is exempt for any ground rent and or any burdens and is situated in an Outside Development Zone;

t) Portion of agricultural land currently being worked by John Gauci known as 'Ir-Roqa l-Ħazina' known as well 'Ir-Roqa t'isfel' measures approximately of eight hundred and ninety point five three (890.53m²) square meters, accessible from the main gate situated in Triq San Ġakbu, bounded on the east by property herein described and northwest by property of Baron Testaferrata or his successors in title and southwest by property herein described – indicated as property T. The land together with other lands and enjoys reservoirs and water springs and it is exempt for any ground rent and or any burdens and is situated in an Outside Development Zone;

u) Rural room that is accessible from a common pathway presently adjoined by rooms G, H, O, P and Z together forming one property measuring approximately fifteen point five squares meters (15.5m²) accessible from a main gate in Triq San Ġakbu and bounded on the southwest by common pathway, northwest and southeast by property herein described – indicated as U , and it is exempt for any ground rent and or any burdens which the said property is subject to and is situated in an Outside Development Zone;

v) Portion of agricultural land currently being worked by John Gauci measures approximately of two hundred

tletin metru kwadru punt tnejn sitta (233.26m²) , aċċessibbli minn grada prinċipali li tinsab fi Triq San Ġakbu, li tmiss mill-Grigal u mix-Xlokk ma' trejqa u mil-Lbiċ ma' beni tal-aventi kawża ta' Carmelo Scicluna – indikata bħala proprjetà V, eżenti minn kwalunkwe ċens jew piż piju li jista' jiggrava l-imsemmija proprjetà u tinsab f'Outside Development Zone;

w) Porzjoni ta' art agrikola li preżentament qiegħda tiġi maħduma minn John Gauci magħrufa bħal 'Tal-Mansab', b'kejl ta' erbgħa mija tnejn u sebgħin metru kwadru punt sitta sitta (472.66m²), aċċessibbli minn grada prinċipali li tinsab fi Triq San Ġakbu, li tmiss mill-Punent Majjistru, mil-Lbiċ u mill-Grigal ma' proprjetà hawn deskritta – indikata bħala proprjetà W, l-art, flimkien ma' artijiet oħra, tgawdi minn ġwiebi u nixxigħat tal-ilma u hija eżenti minn kull ċens jew piż piju li jista' jiggrava l-imsemmija proprjetà u tinsab f'Outside Development Zone;

x) Porzjoni ta' art agrikola li preżentament qiegħda tiġi maħduma minn John Gauci magħrufa bħala 'Tal-Lariġ', b'kejl ta' ċirka mitejn u sebgħin metru kwadru punt tlieta sitta (270.36m²) aċċessibbli minn grada prinċipali li tinsab fi Triq San Ġakbu, u li tmiss mill-Punent ma' beni tas-suċċessuri ta' Carmelo Scicluna, mill-Grieg il-Lvant u mill-Punent ma' proprjetà hawn deskritta – indikata bħala propjrjeta' X. L-art, flimkien ma' artijiet oħra, tgawdi minn ġwiebi u nixxigħat tal-ilma u hija eżenti minn kull ċens jew piż piju li jista' jiggrava tali proprjetà u tinsab f'Outside Development Zone;

y) Porzjoni ta' art agrikola li preżentament qiegħda tiġi maħduma minn John Gauci magħrufa bħala 'Ir-Roqa t'Isfel', b'kejl ta' ċirka tmien mija tlieta u ħamsin metru kwadru punt wieħed tlieta (853.13m²), aċċessibbli minn grada prinċipali li tinsab fi Triq San Ġakbu, u tgħati għal trejqa li twassal għal passaġġ fuq in-naħa tal-lemin li mbagħad jwassal għal proprjetà C. Wieħed għandu jgħaddi minn proprjetà C kif ukoll, aktar 'il quddiem, minn proprjetajiet M, I, E, T u N sabiex jasal għall-art imsemmija. Din l-art tmiss mill-Grigal ma' proprjetà li tinsab fl-istess territorju, mill-Majjistral ma' beni tal-Baruni Testaferrata Moroni Viani jew is-suċċessuri tiegħu u mil-Lbiċ ma' beni ta' Carmelo Scicluna jew l-aventi kawża tiegħu – indikata bħala proprjetà Y. L-art, flimkien ma' artijiet oħra, tgawdi minn ġwiebi u nixxigħat tal-ilma u hija eżenti minn kull ċens jew piż piju li jista' jiggrava tali proprjetà u tinsab f'Outside Development Zone;

z) Kamra li hi aċċessibbli minn mogħdija komuni li tikkonsisti f'kamra li preżentament hija kkonsolidata ma' kmamar G, H, O, P, u U sabiex jiffurmaw proprjetà waħda, b'kejl ta' ċirka erbgħin metru kwadru (40m²), aċċessibbli minn grada prinċipali li tinsab fi Triq ta' San Ġakbu u li tmiss mill-Majjistral ma' beni tal-aventi kawża ta' Carmelo Scicluna, mil-Lbiċ u mix-Xlokk ma' proprjetà hawn deskritta – indikata bħala Z u hija eżenti minn kull ċens jew piż piju li jista' jiggrava tali proprjetà u tinsab f'Outside Development Zone.

and thirty three point six two (233.62m²) square meters, accessible from the main gate situated in Triq San Ġakbu, bounded on the east and southeast by a lane and southwest by property of the heirs of Carmelo Scicluna – indicated as property V and it is exempt for any ground rent and or any burdens and is situated in an Outside Development Zone;

w) Portion of agricultural land currently being worked by John Gauci known as 'Tal-Mansab' measures approximately of four hundred and seventy two point six six (472.66m²) square meters, accessible from the main gate situated in Triq San Ġakbu, bounded on west northwest, east and southwest by property herein described – indicated as property W, the land together with other lands enjoys reservoirs and water springs and it is exempt for any ground rent and or any burdens and is situated in an Outside Development Zone;

x) Portion of agricultural land currently being worked by John Gauci known as 'Tal-Lariġ' measures approximately of two hundred and seventy point three six (270.36m²) square meters, accessible from the main gate situated in Triq San Ġakbu, bounded on west by property of the heirs of Carmelo Scicluna, east northeast and west by property herein described – indicated as property X. The land together with other lands enjoys reservoirs and water springs and it is exempt for any ground rent and or any burdens and is situated in an Outside Development Zone;

y) Portion of agricultural land currently being worked by John Gauci known as 'Ir-Roqa t'isfel' measures approximately of eight hundred and fifty three point thirteen (853.13m²) square meters, accessible from the main gate situated in Triq San Ġakbu, and leads to a lane through a passage on the righthand side leading to property C. One should walk from property C as well further up from properties M, I, E,T and N to reach the said land. This land bounded on the northeast by property located in the same territory, northwest by Baron Testaferrata Moroni Viani or his successors in title and west by Carmelo Scicluna or his successors in title – indicated as property Y. The land together with other lands enjoys reservoirs and water springs and it is exempt for any ground rent and or any burdens and is situated in an Outside Development Zone;

z) Room that is accessible form a common pathway consisting in a room presently adjoined by rooms G, H, O, P and U together forming one property measuring approximately forty squares meters (40m²) accessible from a main gate in Triq San Ġakbu bounded on the north by the heirs of Carmleo Scicluna, southwest and southeast by property herein described – indicated as Z and it is exempt for any ground rent and or any burdens which the said property is subject to and is situated in an Outside Development Zone.

Il-proprjetajiet kollha hawn fuq indikati minn A sa Z stmati li jiswew tlettax-il miljun ewro (€13,000,000).

L-imsemmi fond huwa proprjetà ta' Borg Jean Pierre sive Jean (KI 473467M).

N.B. L-imsemmi fond jinbiegħ bħalma ġie deskritt fl-atti tas-subbasta 23/2018.

Reġistru tal-Qrati Superjuri, illum il-Ġimgħa, 18 ta' Lulju, 2025

MARVIC FARRUGIA
Għar-Reġistratur, Qrati Ċivili u Tribunali

All the above properties indicated from A to Z valued at thirteen million euro (€13,000,000).

The said tenement is the property of Borg Jean Pierre sive Jean (ID 473467M).

N.B. The said tenement will be sold as described in the acts of judicial sales number 23/2018.

Registry of the Superior Courts, this Friday, 18th July, 2025

MARVIC FARRUGIA
For the Registrar, Civil Courts and Tribunals

1870

Permezz ta' digriet mogħti fis-26 ta' Jannar, 2025, fl-atti tal-ittra uffiċjali numru 2130/2022, fl-ismijiet HSBC Bank Malta plc vs Jordan Fay Foxwell il-Qorti tal-Maġistrati (Malta) ordnat is-segwenti pubblikazzjoni biex isservi ta' notifika fil-konfront tal-intimat Jordan Fay Foxwell a tenur tal-Artikolu 187(3) et sequitur tal-Kap. 12 .

Fil-Qorti tal-Maġistrati (Malta)

Illum 25 ta' Awwissu, 2022

Lil Jordan Fay Foxwell (KI 191200A) ta' 74, Triq Mose Gatt, Birkirkara BKR 4090

Permezz tal-preżenti s-soċjetà HSBC Bank Malta plc (C3177) ta' 32, Triq il-Merkanti, Il-Belt Valletta

Tinterpellak sabiex fi ċmien jumejn minn meta tirċievi din l-ittra inti tħallas is-somma ta' €80.18 rappreżentanti inkwantu s-somma ta' €79.47 bħala kapital u kwantu għas-somma ta' €0.71 bħala mgħaxijiet li ddekorrew fuq il-kapital sad-9 ta' Mejju, 2022, fuq il-kont bin-numru 026-332601-001, liema somma hija Encroachment fuq il-kont tip Current Account li ġiet debitament mogħtija lilek mill-Bank mittent u aċċettata minnek, oltre l-imgħax mill-10 ta' Mejju, 2022, sad-data ta' din l-ittra, flimkien mal-imgħaxijiet legali ulterjuri fuq is-somma kapitali mid-data ta' din l-ittra sad-data tal-pagament effettiv, liema somma inti għalkemm repetutament interpellat biex tħallas inqast milli tagħmel dan; u

Tinterpellak sabiex fi żmien jumejn minn meta tirċievi din l-ittra inti tħallas is-somma ta' €767.89 bħala kapital u kwantu għas-somma ta' €4.99 bħala mgħaxijiet li ddekorrew fuq il-kapital sad-9 ta' Mejju, 2022, bl-ispejjeż amministrattivi, oltre l-imgħax mill-10 ta' Mejju, 2022, sad-data ta' din l-ittra flimkien mal-imgħaxijiet legali ulterjuri fuq is-somma kapitali mid-data ta' din l-ittra sad-data tal-pagament effettiv u dana in rifuzjoni ta' flus lilek avvanzati

By means of a decree of the 26th January, 2025, in the records of the judicial letter number 2130/2022, in the names HSBC Bank Malta plc vs Jordan Fay Foxwell, the Courts of Magistrates (Malta) ordered the following publication for the purpose of service of the respondent Jordan ~Fay Foxwell in terms of Article 187(3) et sequitur of Cap. 12.

In the Courts of Magistrates (Malta)

Today 25th August, 2022

To Jordan Fay Foxwell (ID 191200A) of 74, Triq Mose Gatt, Birkirkara BKR 4090

By means of this present, HSBC Bank Malta plc (C3177) of 32, Triq il-Merkanti, Valletta

Solicits you so that within two days from when you receive this letter you pay the amount of €80.18 representing as for the amount of €79.47 as capital and as for the amount of €0.71 as interest that accrued on the capital till the 9th May, 2022, on the account number 026-332601-001, which amount is Encroachment on the Current Account which was duly given to you by the interpellant bank and accepted by you, besides the interest from 10th May, 2022, till the date of this letter, together with further legal interet on the capital sum from the date of this letter till the date of effective payment, which amount you were repetedly solicited to pay, you remained in default; and

Solicits you so that within two days from when you receive this letter you pay the amount of €767.89 as capital and as for the amount of €4.99 as interest that accrued on the capital till the 9th May, 2022, with administrative costs, besides the interest from the 10th May, 2022, till the date of this letter together with further legal interest on the capital amount from the date of this letter till the date of effective payment and this as refund on the amount given to you by

fuq faċilità ta' Visa card bin-numru 4035710036364805, liema somma inti għalkemm repetutament interpellat biex tħallas, inqast milli tagħmel dan.

Tinfurmak li jekk tonqos milli tħallas l-arretrati kollha fi żmien ħmistsax-il jum mid-data tan-notifika ta' din l-ittra, il-bilanċ intier tas-self isir kollu dovurt f'daqqa oltre mgħaxijiet legali bir-rata ta' 8% fis-sena sad-data tal-effettiv pagament.

Sabiex jigu evitati spejjeż inutili tal-Qorti, jekk il-ħlas tad-dejn fiż-żmien hawn fuq indikat ma huwiex possibbli u teħtieġ żmien itwal għall-ħlas b'rati mensili, int tista' tammetti d-dejn tiegħek mal-Bank permezz ta' att notarili. F'dak il-każ int mitlub illi fi żmien ħmistax-il ġurnata minn meta tircievi din l-ittra tavża lill-Bank u tqabbad nutar.

Din l-ittra sservi wkoll biex tinterrompi l-preskrizzjoni u għalhekk hija rikjesta mil-liġi ai termini tal-Artikolu 2128 tal-Kodiċi Ċivili (Kap. 16 tal-Liġijiet ta' Malta).

Fin-nuqqas jittieħdu passi ulterjuri bil-Qorti kontra tiegħek mingħajr ebda preavviż ieħor.

Tant biex tagħraf tirregola ruħek.

Bl-ispejjeż.

Reġistru tal-Qrati tal-Maġistrati (Malta), illum 18 ta' Lulju, 2025

ALEXANDRA DEBATTISTA
Għar-Reġistratur tal-Qrati Ċivili u Tribunali

means of Visa card facility with number 4035710036364806, which amount although you were solicited to pay, you remained in default.

Informs you that if you fail to pay all the arrears within fifteen days from the day of notification of this letter, the whole loan amount will be due all at once besides legal interest with the rate of 8% per year till the date of effective payment.

To avoid useless court fees, if the payment of the loan is not possible in the time given and you need more time to pay by monthly installments, you can admit your debt towards the Bank by means of a notarial act. In this case you are requested so that within fifteen days from when you receive this letter you inform the Bank and engage a notary.

This letter is being filed as well to interrupt prescription and as such is required by law in terms of article 2128 of the Civil Code (Cap. 16 of the Laws of Malta).

In default further procedures will be taken against at Court without further notice.

So much so that you may know how to regulate yourself.

With costs.

Registry of the Courts of Magistrates (Malta) today 18th July, 2025

ALEXANDRA DEBATTISTA
For the Registrar, Civil Courts and Tribunals

1871

Permezz ta' digriet mogħti fis-26 ta' Mejju, 2025, mill-Qorti, Prim'Awla, fl-atti tal-ittra uffiċjali numru 1033/2025, fl-ismijiet l-Awtorità tad-Djar vs Julian Saviour Zammit, ordnat is-segwenti pubblikazzjoni biex isservi ta' notifika a tenur tal-Artikolu 187(3) et sequitur tal-Kap. 12.

Fil-Prim'Awla tal-Qorti

Illum 6 ta' Marzu, 2025

Lil Julian Saviour Zammit (KI 143475M) ta' 64, Triq l-Annunzjata, Tas-Sliema

Permezz tal-preżenti l-Awtorità tad-Djar ta' 22, Triq Pietro Floriani, Il-Furjana, tirreferi għall-fond 64, Triq l-Annunzjata, Tas-Sliema. Tali fond huwa proprjetà amministrata mill-mittenti u int qed tokkupa l-fond mingħajr titolu validu fil-liġi.

By means of a decree of the 26th May 2025 of the Civil Court, First Hall, in the records of judicial letter number 1033/2025, in the names Housing Authority vs Julian Saviour Zammit, the following publication was ordered for the purpose of effecting service in terms of Article 187(3) of Cap. 12.

In the First Hall of the Civil Court

Today 6th March, 2025

To Julian Saviour Zammit (ID 143475M) of 64, Triq l-Annunzjata, Tas-Sliema

By the present Housing Authority of 22, Triq Pietro Floriani, Floriana, refers you to the premises 64, Triq l-Annunzjata, Tas-Sliema. Such premises is administered by the interpellant and you are occupying the premises without any valid title at law.

Għaldaqstant, l-Awtorità tad-Djar qiegħda b'din l-ittra tinterpellak sabiex ai termini tal-artikoli 9(1) u l-artikoli sussegwenti tal-Att dwar l-Artijiet tal-Gvern, Kap. 573 tal-Liġijiet ta' Malta, int tiżgombra mill-fond imsemmi fi żmien tletin (30) jum min-notifika ta' din l-ittra uffiċjali u dan għaliex:

qed tokkupa l-fond mingħajr ebda titolu validu fil-liġi; u

mingħajr ebda preġudizzju għas-su espost, mhux tagħmel użu mill-fond inkwistjoni.

Din l-ittra uffiċjali qed tintbagħat ai termini tal-artikolu 9 u artikoli sussegwenti tal-Att dwar l-Artijiet tal-Gvern, Kap. 573 tal-Liġijiet ta' Malta.

Tant biex tagħraf timxi u tirregola ruħek.

Bl-ispejjeż u bl-interessi.

Reġistru tal-Qrati tal-Superjuri, illum 18 ta' Lulju, 2025

ALEXANDRA DEBATTISTA
Għar-Reġistratur tal-Qrati Ċivili u Tribunali

Thus, the Housing Authority is hereby soliciting you so that in terms of Articles 9 (1) and subsequent articles of the Government Lands Act, Cap. 573 of the Laws of Malta, you vacate the premises mentioned within thirty (30) days from the service of this judicial letter and this because:

are occupying the premises without any valid title in law; and

without prejudice to the above, you are not making use of the premises in question.

This judicial letter is being sent in terms of Article 9 and subsequent articles of the Government Lands Act, Cap. 573 of the Laws of Malta.

So much so that you may know how to proceed and regulate yourself.

With costs and interest.

Registry of the Superior Courts, today 18th July, 2025

ALEXANDRA DEBATTISTA
For the Registrar, Civil Courts and Tribunals

1872

Bandu għall-Kuraturi

Repubblika ta' Malta

Lill-Marixxall tal-Qrati

B'digriet mogħti minn din il-Qorti fis-27 ta' Mejju, 2025, fuq talba ta' Dott. Franco Agius et ġie ordnat biex jintgħażlu kuraturi deputati sabiex jirrappreżentaw lill-werrieta mhux magħrufa, fl-atti taċ-ċedola numru 1101/2025 fl-ismijiet Dott. Franco Agius et vs Kuraturi Deputati u fl-atti l-oħra relattivi u sussegewenti.

Permezz ta' ċedola ta' depożitu u kontestwali fidi ta' ċens numru 1101/2025 fl-ismijiet Dott. Franco Agius, bin Mario u Doris née Camilleri, imwieled San Ġiljan (KI 496577M) u martu Dott. Pauline Debono, bint Vincent u Mary Dolores née Scerri, imwielda Tal-Pietà (KI 105780M) u it-tnejn residenti Ħal Balzan vs Kuraturi deputati sabiex jirrappreżentaw lill-werrieta mhux magħrufa u/jew assenti ta': 1) Giovanna sive Joan armla ta' Carmelo Zammit, bint il-mejtin Joseph Glavina u Mary née Said, imwielda Bormla u toqgħod San Ġiljan; 2) Victor Zammit, iben Carmelo Zammit u Joan née Glavina, imwieled Tas-Sliema u joqgħod New Hampshirea, USA; 3) Ronald Zammit, iben Carmelo Zammit u Joan née Glavina, imwieled Tas-Sliema u kien joqgħod Rockford, Illinois, USA; 4) David Zammit, iben Carmelo Zammit u

Banns for Curators

Republic of Malta

To the Marshall of the Court

By means of a decree given by this Court on the 27th May, 2025, following a request by Dr Franco Agius et vs deputy curators to represent the unknown heirs in the records of the schedule of deposit number 1101/2025 in the names Dr Franco Agius et vs Deputy Curators and in the other relative and subsequent acts.

By means of a schedule of deposit and redemption of groundrent, number 1101/2025 in the names of Dr Franco Agius, son of Mario and Doris née Camilleri, born in St Julian's (ID 496577M) and his wife Dr Pauline Debono, daughter of Vincent and Mary Dolores née Scerri, born in Tal-Pietà (ID 105780M) both residing in Ħal Balzan vs Deputy Curators to represent the unknown and/or absent heirs of: 1) Giovanna sive Joan widow of Carmelo Zammit, daughter of the late Joseph Glavina and Mary née Said, born in Cospicua and residing in St Julian's; 2) Victor Zammit, son of Carmelo Zammit and Joan née Glavina, born in Tas-Sliema and residing in New Hampshirea, USA; 3) Ronald Zammit, son of Carmelo Zammit and Joan née Glavina, born in Tas-Sliema and resided in Rockford,

Joan née Glavina, imwieled il-Belt Valletta u joqgħod San Diego, California, USA; 5) Oliver Zammit, iben Carmelo Zammit u Joan née Glavina, imwieled il-Belt Valletta u joqgħod San Diego, Californa, USA, ippreżentata fil-Prim'Awla tal-Qorti fit-22 ta' Mejju, 2025, fejn Dott. Franco Agius (KI 496577M) u Dott. Pauline Debono (KI 105780M) esponew bir-rispett:

Illi permezz ta' kuntratt ta' bejgħ fl-atti tan-Nutar Dott. Josette Spiteri Cauchi datat l-4 ta' Ottubru, 2006, kopja vera ta' liema kuntratt qiegħda tiġi hawn annessa u mmarkata bħala Dok. A, l-esponenti xtraw il-fond ossija, dar, bil-arja relattiva tagħha, uffiċjalment immarkata bin-numru 48 ġja magħrufa uffiċjalment bħala 37, bl-isem Belleview, li tinsab fi Triq San Valentin, f'Ħal Balzan, bid-drittijiet u l-pertinenzi kollha tagħha kif aħjar deskritti fl-imsemmi kuntratt, libera u franka għajr suggetta għal ċens annwu u perpetewu. Site-plan ta' dan il-fond hija wkoll annnessa mmarkat bħala Dok. B;

Illi jirriżulta li s-subċens annwu u perpetwu gravanti fuq il-fond imsemmi hawn fuq li jammontaw għal €11.97 li qabel kienu riferuti bħala Lm5.13,5 għadu mhux mifdi.

Dan is-subċens kien ġie kostitwit fuq il-fond imsemmi permezz ta' kuntratt ta' bejgħ fl-atti tan-Nutar Dott. Victor John Bisazza datat 13 ta' Jannar, 1978.

Dan l-istess subċens huwa pagabbli lill-intimati;

Illi l-esponenti jixtiequ jipprevalixxu ruħhom mill-fakultà mogħtija lilhom ai termini tal-artikolu 1501 taql-Kap. 16 tal-Liġijiet ta' Malta u jifdu l-imsemmi subċens ai termini tal-istess ligi;

Illi għalhekk is-subċens ta' €11.97 kapitalizzat bir-rata ta' 5% jammonta għal €239.40.

L-esponenti qegħdin ukoll jiddepożitaw s-subċens pagabbli għall-aħħar ħames snin qua (€11.95 X 5) li jammonta għal €59.85 kif ukoll għal kull bon fini lawdemju ta' €11.97 oħra.

Għaldaqstant, l-esponenti qegħdin jadixxu din l-Onoabbli Qorti taħt l-awtorità tagħha u jgħaddu sabiex jiddepożitaw is-somma ta' prezz tal-fidi u l-arretrati tal-imsemmi subċens fl-ammont komplessiv ta' €321.22 sabiex tiġi liberament żbankata/tingħata liberament lill-intimati wara li tiġi rilaxxata d-debita ricevuta skont il-liġi.

Notifika: Direttur tar-Reġistru Pubbliku, Triq il-Merkanti, Il-Belt Valletta
Reġistratur tal-Artijiet
Kuraturi deputati

Illinois, USA; 4) David Zammit, son of Carmelo Zammit and Joan née Glavina, born in Valletta and residing in San Diego, California, USA; 5) Oliver Zammit, son of Carmelo Zammit and Joan née Glavina, born in Valletta and residing in San Diego, Californa, USA, filed in the First Hall of the Civil Court on the 22nd May, 2025, the applicants Dr Franco Agius (ID 496577M) and Dr Pauline Debono (ID 1054780M) respectfully submitted:

That by means of a contract of sale in the records of Notary Dr Josette Spiteri Cauchi dated 4th October, 2006, a true copy of which contract is hereby attached and marked as Doc. A, the applicants bought the premises or rather, a house, with its relative airspace, officially marked with number 48 previously officially known as 37, with the name Belleview, situated in Triq San Valentin, in Ħal Balzan, with all its rights and appurtenances as better described in the said contract, free and unencumbered except subject to annual and perpetual groundrent. Site plan of this premises is also attached and marked as Doc. B;

That it results that the annual and perpetual sub-groundrent burdening the premises mentioned above amounting to €11.97 which were previously referred to as Lm5.13,5 is not yet redeemed.

This sub-groundrent was constituted on the premises mentioned by means of a contract of sale in the records of Notary Dr Victor John Bisazza dated 13th January, 1978.

This same sub-groundrent is payable to the respondents;

That the applicants wish to avail themselves of the faculty given to them in terms of Article 1501 Cap 16 of the Laws of Malta and redeem the said sub-groundrent in terms of the same law;

That thus the sub-groundrent of €11.97 capitalised at the rate of 5% amounts to €239.40.

The applicants are also depositing the sub-groundrent payable for the last five years qua (€11.95 X 5) which amounts to €59.85 as well as for the purpose of the laudemium of another €11.97.

Thus, the applicants are calling upon this Honourable Court under its authority and proceed to deposit the name of price of redemption and arrears of the said sub-groundrent in the total amount of €321.22 so that it may be freely withdrawn/given to the respondents after leaving the due receipt according to law.

Notification: Director Public Registry, Triq il-Merkanti, Valletta
Registrar of Lands
Deputy curators

Int għaldaqstant ordnat li twaħħal kopja uffiċjali ta' dan il-bandu fid-daħla ta' din il-Qorti Superjuri u ssejjaħ b'dan lil kull min irid jidħol bħala kuratur biex jidher fi żmien sitt ijiem f'dan ir-Reġistru u jagħmel b'nota d-dikjarazzjoni illi huwa jidħol għal dan.

Int ordnat ukoll li tgħarraf lil kull wieħed illi jekk ma jagħmilx din id-dikjarazzjoni fiż-żmien fuq mogħti, din il-Qorti tgħaddi biex tagħżel kuraturi tal-uffiċċju.

U wara li tkun għamilt dan, jew jekk tiltaqa' ma' xi xkiel fl-esekuzzjoni ta' dan il-bandu, inti għandek tgħarraf minnufih lil din il-Qorti.

Mogħti mill-Qorti Superjuri hawn fuq imsemmija bix-xhieda tal-Onor. Imħallef Francesco Depasquale, LLD, Duttur tal-Liġi.

Illum 27 ta' Mejju, 2025

Reġistru tal-Qrati Superjuri, illum 18 ta' Lulju, 2025

ALEXANDRA DEBATTISTA
Għar-Registratur, Qrati u Tribunali

You are therefore ordered to affix an official copy of these banns at the entrance of this Superior Court and to summon whosoever wishes to act as curator to appear before this registry within six days and by means of a minute to submit a declaration that he wishes so to act.

You are also ordered to inform each one that if he fails to make this declaration within the stipulated time, the Court will proceed to the selection of curators of office.

And after so acting or if you should encounter any difficulty in the execution of these banns, you are to inform forthwith this Court.

Given by the Civil Court First Hall, above mentioned, with the witness of the Hon. Mr Justice Francesco Depasquale, LLD, Doctor of Laws.

Today 27th May, 2025

Registry of the Superior Courts, today 18th July, 2025

ALEXANDRA DEBATTISTA
For the Registrar, Civil Courts and Tribunals

1873

Bandu għall-Kuraturi

Repubblika ta' Malta

Lill-Marixxall tal-Qrati

B'digriet mogħti minn din il-Qorti fis-16 ta' Awwissu, 2024, fuq talba ta' Raffaele Calleja ġie ordnat biex jintgħażlu kuraturi deputati sabiex jirrappreżentaw lill-padruni diretti mhux magħrufa, fl-atti taċ-ċedola numru 1737/2024 fl-ismijiet Raffaele Calleja vs Kuraturi Deputati u fl-atti l-oħra relattivi u sussegewenti.

Permezz ta' ċedola ta' depożitu u kontestwali fidi ta' ċens numru 1737/2024 fl-ismijiet Raffaele Calleja, ġuvni, bin Mario Calleja u Maria Gabriella Abela, imwieled Tal-Pietà u residenti 9, Triq it-Tliet Knejjes, Ħal Balzan (KI 0363493M) vs Kuraturi Deputati nominati biex jirrappreżentaw il-padruni diretti mhux magħrufa, ippreżentata fil-Prim'Awla tal-Qorti fl-14 ta' Awwissu, 2024, fejn Raffaele Calleja (KI 0363493M) espona bir-rispett:

Illi fl-20 ta' April, 1967, in forza ta' kuntratt ta' diviżjoni (Dok. A) ippublikat min-Nutar Emanuele Agius bejn Angiolino, Carmela mart Giuseppe Bajjada, Giomaria u Giuseppe aħwa Ellul, wild il-mejtin Luigi Ellul u Carmela née Pace, insegwitu tal-mewt ta' Luigi Ellul fit-2 ta' Awwissu, 1957, u il-mewt ta' Carmela Ellul fit-18 ta' Jannar, 1959, l-aħwa superstiti saru werrieta tal-ġenituri tagħhom

Banns for Curators

Republic of Malta

To the Marshall of the Courts

By means of a decree given by this Court on the 16th August, 2024, following a request of Raffaele Calleja it was ordered that deputy curators be chosen to represent the unknown direct owners, in the acts of the schedule of deposit number 1737/2024 in the names Raffaele Calleja vs Deputy Curators and in the other relative and subsequent acts.

By means of a schedule of deposit and contextual redemption of groundrent number 1737/2024 in the names Raffaele Calleja, bachelor, son of Mario Calleja and Maria Gabriella Abela, born in Tal-Pietà and residing at 9, Triq it-Tliet Knejjes, Ħal Balzan (ID 0363493M) vs deputy Curators to represent the unknown direct owners filed in the First Hall of the Civil Court on the 14th August, 2024, where Raffaele Calleja (KI 0363493M) respectfully pleaded:

That on the 20th April, 1967, in virtue of a deed of partition (Doc. A) published by Notary Emanuele Agius between Angiolino, Carmela wife of Giuseppe Bajjada, GioMaria and Giuseppe brothers Ellul, son of the late Luigi Ellul and Carmela née Pace, following the death of Luigi Ellul on the 2nd August, 1957, and the death of Carmela Ellul on the 18th January, 1959, the surviving siblings

u fost beni oħra hemm il-fond li qiegħed Ħal Balzan, Triq it-Tliet Knejjes, bi tliet bibien immarkati A, B u C, suġġett għal ħlas ta' ċens ta' ħames liri u għaxar xelini u ħdax-il sold kull sena inperpetwu skont ir-relazzjoni peritali annessa ma' Dok. A (Dok. B);

Illi in forza tal-istess kuntratt Angolino Ellul ġie assenjat porzjon minn dan il-fond li tikkonsisti fil-pjan terran immarkat fil-pjanta bl-ittra M it-tromba tat-taraġ bil-bieb numru A(3A) u t-taraġ li jagħti għas-sular ta' fuq kif deskritt fl-istess kuntratt ta' diviżjoni u wkoll deskiritt fir-relazzjoni peritali u pjanta miegħu annessi;

Illi fil-porzjon assenjat lil Angolino Ellul hija għalhekk il-fond 3A, Triq it-Tliet Knejjes, Ħal Balzan, liema fond huwa suġġett għas-sehem taċ-ċens fl-ammont ta' lira, żewġ xelini u tliet soldi fis-sena bħala parti miċ-ċens annwu u perpetwu aggravanti l-fond intier;

Illi Angelo sive Angolino Ellul miet fis-27 ta' Frar, 2007, u permezz ta' testment fl-atti tan-Nutar Francis Micallef datat 8 ta' Ottubru, 1988, u d-denunzja (Dok. C) relattiva datata 5 ta' Frar, 2010, dan il-fond għadda lil Maria Gabriela Abela née Ellul (KI 0366068M);

Illi l-istess Maria Gabriella Abela née Ellul għaddiet dan il-fond permezz ta' att ta' donazzjoni (Dok. D) fl-atti tan-Nutar James Grech datat 22 ta' Jannar, 2024, lil binha Raffaele Calleja (KI 0363493M);

Illi flimkien ma' dan il-fidi ta' ċens l-esponent qiegħed jesibixxi site plan (Dok. E) tal-istess fond;

Illi ċ-ċens perpetwu aggravanti dan il-fond, dikjarat ta' lira, żewġ xelini u tliet soldi fis-sena huma valutati llum fl-ammont ta' €2.58;

Illi l-esponenti jixtieq jipprevalixxi ruħu mill-fakultà mogħtija lilu ai termini tal-Artikolu 1501 tal-Kap. 16 tal-Liġijiet ta' Malta u jifdi l-imsemmi ċens annwu u perpetwu ta' €2.58 ai termini tal-istess ligi;

Illi l-ammont ta' €2.58 kapitalizzat bir-rata ta 5% jammonta għal €51.60.

Għaldaqstant, l-esponenti invista ta' 'l fuq premess qiegħed jadixxi lil dina l-Onorabbli Qorti u taħt l-awtorità tal-istess jgħaddi sabiex jiddepożita s-somma komplessiva ta' €51.60 rappreżentanti l-fidi ta' ċens dovut kif fuq premess sabiex dawn jiġu rilaxxati liberament mill-intimati skont il-liġi, wara li jħallu d-debita riċevuta.

became heirs of their parents and amongst other property there is the premises situated in Balzan, Triq it-tliet Knejjes, with three doors marked A, B and C, subject to the payment of groundrent of five liri and ten shillings and eleven pence each year in perpetual according to the architect report attached to Doc. A (Doc. B);

That in virtue of the same contract Angolino Ellul was assigned a portion of this premises consisting of the ground floor marked in the plan with the letter M the stair case with door number A(3A) and the stairs which abuts to the upper floor as described in the same contract of partition and also described in the architect report and attached plan;

That in the portion assigned to Angolino Ellul is thus the premises 3A, Triq it-Tliet Knejjes, Ħal Balzan, which premises is subject to the share of the groundrent in the amount of one lira, two shillings and three pence per year as part of the annual and perpetual groundrent aggravating the whole premises;

That Angelo sive Angolino Ellul died on the 27th February, 2007, and by means of a will in the records of Notary Francis Micallef dated 8th October, 1988, and the relative declaration (Doc. C) dated 5th February, 2010, this premises passed on to Maria Gabriella Abela née Ellul (KI 0366068M);

That the same Maria Gabriella Abela née Ellul passed on this premises by means of a deed of donation (Doc. D) in the records of Notary James Grech dated 22nd January, 2024, to her son Raffaele Calleja (KI 0363493M);

That together with this redemption of groundrent the interpellant is exhibiting a site plan (Doc. E) of the same premises;

That the perpetual groundrent aggravating this premises, declared as one lira, two shillings and three pence per year are valued today in the amount of €2.58;

That the applicant wishes to avail himself of the option given to him in terms of Article 1501 of Cap. 16 of the Laws of Malta and redeem the said annual and perpetual groundrent of €2.58 in terms of the same law;

That the amount of €2.58 capitalised at the rate of 5% amounts to €51.60.

Thus, the applicant in view of the above is calling upon this Honourable Court and under its authority is depositing the total amount of €51.60 representing the redemption of groundrent due as above premised so that they be freely withdrawn by the respondents according to law, after leaving the due receipt.

Mittenti: Raffaele Calleja, 9, Triq it-Tliet Knejjes, Ħal Balzan

Notifika: Direttur tar-Reġistru Pubbliku, Il-Belt Valletta
Kuraturi deputati

Int għaldaqstant ordnat li twaħħal kopja uffiċjali ta' dan il-bandu fid-daħla ta' din il-Qorti Superjuri u ssejjaħ b'dan lil kull min irid jidħol bħala kuratur biex jidher fi żmien sitt ijiem f'dan ir-Reġistru u jagħmel b'nota d-dikjarazzjoni illi huwa jidħol għal dan.

Int ordnat ukoll li tgħarraf lil kull wieħed illi jekk ma jagħmilx din id-dikjarazzjoni fiż-żmien fuq mogħti, din il-Qorti tgħaddi biex tagħzel kuraturi tal-uffiċċju.

U wara li tkun għamilt dan, jew jekk tiltaqa' ma' xi xkiel fl-esekuzzjoni ta' dan il-bandu, inti għandek tgħarraf minnufih lil din il-Qorti.

Mogħti mill-Qorti Superjuri hawn fuq imsemmija bix-xhieda tal-Onor. Imħallef Anthony Ellul, LLD, Duttur tal-Liġi.

Illum 16 ta' Awwissu, 2024

Reġistru tal-Qrati Superjuri, illum 18 ta' Lulju, 2025

ALEXANDRA DEBATTISTA
Għar-Reġistratur, Qrati u Tribunali

Applicant: Raffaele Calleja, 9, Triq it-Tliet Knejjes, Ħal Balzan

Notify: Director Public Registry, Valletta
Deputy curators

You are therefore ordered to affix an official copy of these banns at the entrance of this Superior Court and to summon whosoever wishes to act as curator to appear before this registry within six days and by means of a minute to submit a declaration that he wishes so to act.

You are also ordered to inform each one that if he fails to make this declaration within the stipulated time, the Court will proceed to the selection of curators of office.

